QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
(SEDE KOSTITUZZJONALI)

IMHALLEF

ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Illum il-Hamis, 26 ta' Novembru 2020**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 27/2019 JVC**

**Dr Ivan Sammut f'ismu propju kif ukoll f'isem it-tfal tieghu minuri Karol Sammut, Matthias Sammut, Elijah Sammut u Mariano-Francesco Sammut u b'digriet tas-26 ta' Frar 2019 giet nominata Dr Stephanie Galea l-Avukat tat-tfal, sabiex tidher f'dawn l-atti in rapprezentanza tal-minuri**

**vs**

**L-Avukat Generali u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2019 giet kjamata fil-kawza Graziella Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors Kostituzzjonali bil-guramentat fejn ir-rikorrent Ivan Sammut pro et noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

**<u>'Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza:</u>**

1. Illi r-rikorrenti Karol li ghandu tnax-il sena, Matthias li ghandu tmien snin, Elijah li ghandu sitt snin u Mariano-Francesco li ghandu 4 snin huma lkoll tfal tar-rikorrent Ivan Sammut li huwa mizzewweg lill-ommhom u li bhalissa ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni bejniethom (163/2017 AL).

2. Illi l-kawza ta' separazzjoni ilha ghaddejja mis-7 ta' Lulju 2017, u l-medjazzjoni bdiet xi sena qabel. F'dan iz-zmien, ir-rikorrent Ivan Sammut intavola 'l fuq minn ghoxrin rikors fejn talab, *inter alia*, li jigi koncess lilu access, anke jekk supervizjonat, ghat-tfal minuri tieghu, li l-Agenzija Appogg tigi appuntata sabiex tassisti fl-access tieghu mat-tfal, sabiex jizdied l-access tieghu, li t-tfal jintbaghtu ghat-terapija li jista' jkun li ghandhom bzonn, u li l-omm tigi ordnata tikkopera mas-*social workers* sabiex l-access tieghu ikun facilitat u mhux mxekkel.

3. Illi fil-31 t'Awissu 2017, fuq direzzjoni tal-Qorti, *social workers* mill-Agenzija Appogg kienu hejjew rapport (kopja tieghu hawn anness u mmarkat **Dok A**) fuq is-sitwazzjoni

tal-access għall-minuri, fejn dawn irrakkommandaw illi l-access taz-zewg minuri kbar ghandu jigi sospiz ghall-unika raguni li dawn kienu qed ikunu ta' ostakolu fir-relazzjoni ta' bejn il-missier u l-minuri z-zghar; izda irrakkommandiet illi, minflok, il-minuri l-kbar jibdew jattendu ghal *family therapy sessions* ma' missierhom. Irrakkommandaw ukoll illi l-access mal-minuri z-zghar jibda jsir fir-residenza tal-missier minghajr supervizjoni wara li ssir *home visit* u li l-omm tikkopera mas-*social workers* iktar.

4. Illi fil-5 t'Ottubru 2017, *social workers* mill-Agenzija Appogg regghu hejjew rapport (kopja tieghu hawn anness u mmarkat **Dok B**) fuq l-istat tar-relazzjonijiet bejn il-genituri u wliedhom, fejn kien car ghal dawn is-*social workers* illi l-omm kienet qed ixxewwex it-tfal kontra l-missier, tant illi rrapurtaw illi "jidher li, minflok, il-minuri dahlu komplici ma' genitur kontra iehor" u li "il-minuri kienu qeghdin jigu ghall-access b'karta u biro sabiex jiehdu xi notamenti ta' dak li jkun qed isir waqt l-access." Ikkostataw ukoll illi t-tfal kienu qeghdin jigdbu f'wicchom fuq missierhom. Fl-ahhar mill-ahhar irrakkommandaw it-twaqqif tal-access qabel ma l-genituri jattendu ghat-terapija separatament u jippartecipaw f'klassi ta' *parenting skills.*

5. Illi nonostante diversi digrieti tal-Qorti fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrent Ivan Sammut ghal access ghal uliedu, **l-istess access qatt ma kien wiehed effettiv,** ghaliex l-omm qeghda taghmel minn kollox sabiex l-access ma jsehhx, inkluz illi timla mohh it-tfal bil-gideb fuq missierhom, tant illi tfal ta' erba' snin jesprimu x-xewqa li missierhom imut. L-access, fil-fatt, kellu jigi sospiz kemm-il darba fuq rakkommandazzjoni tal-haddiema tal-Agenzija Appogg

għaliex it-tfal kienu vjolenti kemm magħhom, kif ukoll ma' missierhom.

6. Illi nonstante li dawn il-fatti ġew miġjuba a konjizzjoni tal-Qorti tal-Familja diversi drabi, kemm mir-rikorrent Ivan Sammut, kif ukoll mill-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ permezz ta' rapporti mħejjija minnhom, il-Qorti tibqa' ma tieħu ebda passi fil-konfront tal-omm, għalkemm tirikonoxxi li l-aġir tagħha jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' tagħha.

7. Illi fit-28 t'Awwissu 2018, l-esponent Ivan Sammut intavola rikors fejn talab illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri tiġi fdata f'idejh b'dan illi l-minuri kollha jibdew jirrisjedu miegħu b'mod immedjat salv access favur l-omm; jew alternattivament li l-Qorti tordna ħruġ ta' *Care Order*, salv il-modalitajiet ta' access, jekk hemm bżonn a spejjeż tiegħu, għall-għan aħħari li t-tfal jieħdu l-kura u trattamenti neċessarji.

8. Illi dan ir-rikors baqa' ma ġiex degretat.

9. Illi in vista ta' dan, l-esponent Ivan Sammut talab li l-Qorti tappunta r-rikors għas-smigħ tal-avukati tal-partijiet, peress illi l-materja kienet waħda serjissima u ta' natura delikata; talab ukoll illi jekk it-tfal kienu ser jiġu mismugħa mill-Qorti, dan għandu jsir biss wara li dawn jgħaddu mit-terapija għaliex it-tfal, f'dan l-istadju, kienu effettivament, *brainwashed* kontrih minn ommhom.

10. Illi fis-6 ta' Diċembru 2018 il-Qorti tal-Familja tat digriet (kopja tiegħu hawn anness u mmarkat **Dok C**) fejn

irrikonoxxiet illi ma kienx qieghed isehh access effettiv tal-missier ghal minuri peress illi l-minuri kienu b'xi mod jew iehor jirresistu l-access, iddikjarat ukoll illi semghet lit-tlett minuri (ghajr iz-zghir li kellu erba' snin) fis-sigrieta taghha (u dan minghajr ebda konoxxenza min-naha tal-esponent Ivan Sammut li kien ilu x-xhur jitlob li jinstemghu l-partijiet fuq ir-rikors tieghu tat-28 t'Awwissu 2018), u ghaddiet sabiex irrevokat kull digriet li qatt tat fejn ordnat l-access ghall-missierhom. Di piu, il-Qorti ssospendiet kull tip ta' access tal-minuri ghall-missierhom sas-6 ta' Gunju 2019; u kkomunikat dan id-digriet lill-partijiet u lill-Agenzija Appogg.

11. Illi l-esponent Ivan Sammut sab ruhu perpless u aggravat bid-decizjoni tas-6 ta' Dicembru 2018 u ghalhekk intavola rikors fejn talab li l-Qorti tvarja id-digriet taghha *contrario imperio* billi huwa jinghata kopja tax-xhieda tat-tfal; li t-tfal jigu supervizjonati mill-Agenzija Appogg u li tordna li l-Agenzija Appogg taghti rakkommandazzjonijiet opportuni sabiex jigi trattat perkors, anke b'terapija fejn mehtieg, sabiex it-tfal jitressqu lejn il-missier bit-tama li tigi stabbilita xi forma ta' relazzjoni.

12. Illi min-naha taghhom, meta rcevew id-digriet il-haddiema tal-Agenzija Appogg, hassew illi kellhom jaghmlu sottomissjonijiet biex jipprevjenu tragedja (ara kopja tan-nota hawn annessa u mmarkata **Dok D**). *Inter alia*, l-Agenzija Appogg li ilha tahdem mat-tfal rikorrenti ghal din l-ahhar sena, esprimew l-inkwiet taghhom illi l-minuri ser jitkomplu jitbieghdu minn missierhom u jkomplu jibnu stampa negattiva kontrih. Dan, skont huma, seta' jwassal li wara s-sitt xhur ta' nuqqas ta' kuntatt kif ordnat mill-Qorti,

ikun difficlu hafna biex jerga' jinbeda xi tip ta' access bejn il-missier u wliedu. Barra minn hekk, ikkostataw ukoll illi, mill-osservazzjonijiet taghhom, li hadmu maz-zewg genituri u mat-tfal taghhom, kienet l-opinjoni professjonali taghhom illi f'dan il-kaz kien hemm **element ta' aljenazzjoni tal-genitur u ghalhekk nuqqas ta' access mal-missier ser iwassal ghall-aljenazzjoni kompleta.** Irrakomandaw, minflok ma jigi revokat l-access, illi l-minuri jattendu terapija individwali u jitkomplu l-*family therapy sessions* bejn il-missier u wliedu; irrakkomandaw ukoll illi l-genituri jibdew terapija psikologika/psikjatrattika intensiva.

13. Sal-gurnata tal-prezentata ta' din il-kawza, id-Digriet tas-6 ta' Dicembru jibqa' in sehh.

14. Illi llum l-esponent Ivan Sammut ilu ma jara lit-tfal tieghu Karol u Matthias li ghandhom tnax-il sena u tmien snin rispettivament **minn Settembru 2017**; u ilu ma jara lit-tfal tieghu z-zghar Elijah u Mariano-Francesco li ghandhom sitt snin u erba' snin rispettivament, **minn Mejju 2018**. Kull forma ta' kuntatt bejn il-minuri u missierhom waqaf ghal kollox f'Novembru 2016, u issa jsib ruhu rinfaccjat b'theddid ta' proceduri kriminali kull darba li jipprova jikkuntattjahom.

**<u>Ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

15. Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li t-tgawdija reciproka ta' genitur u t-tfal tal-kumpannija ta' xulxin tikkostitwixxi element fundamentali tal-hajja familjari li allura ghandha tigi rispettata mill-iStat

hekk skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

16. Illi tant hu hekk illi l-iStat ghandu obligazzjoni pozittiva li jfittex ir-reunifikazzjoni, kemm jista' jkun ta' familja, u jiehu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex jizgura li rabtiet familjari mhumiex mkissrin. Di piu, l-adegwatezza ta' dawn il-mizuri, jekk dawn ikunu ittiehdu, ghandu jkun mistharreg minn Qorti ta' indoli kostituzzjonali abbazi tal-ispeditezza tal-implimentazzjoni ta' tali mizuri;

17. Illi jinghad illi fil-kaz tar-rikorrenti mhuwiex qieghed isir bizzejjed min-naha tal-iStat, sabiex l-access tal-minuri ghal missierhom ikun wiehed effettiv; tant illi l-Qorti tal-Familja qeghda thalli ssehh aljenazzjoni totali tal-missier mit-tfal, li ta' eta' daqshekk vulnerabbli ta' erba' snin, qeghdin jesprimu x-xewqa li huwa jmut.

18. Illi bir-rispett jigi sottomess illi l-Qorti ghandha kaz car quddiemha fejn l-omm qeghda ixxewwex it-tfal kontra l-missier u timlilhom rashom bi hsibijiet negattivi fuqu, tant illi t-tfal saru *brainwashed* totalment, u l-Qorti ma hi qeghda tipprova taghmel xejn sabiex tindirizza s-sitwazzjoni. Pjuttost il-kuntrarju, semghet lit-tfal, mwassla minn ommhom minghajr il-konoxxenza tal-missier, f'dan l-istadju, meta kien ingab a konjizzjoni tal-Qorti l-istat mentali tat-tfal bhalissa, minghajr ma tat opportunita' li jinstema' l-missier, u minghajr ma l-missier jaf x'qalu t-tfal biex l-access bejniethom, wara s-seduta in kwistjoni, safa fix-xejn.

19. Illi l-fatt illi l-Qorti issa ssospendiet l-access tal-minuri ghal missierhom, purament abbazi tax-xhieda tat-tfal (minghajr

ma l-missier jaf xi xehdu) minghajr ma hadet in kunsiderazzjoni t-tentattiv kontinwu u palpabbli tal-omm illi taljena lit-tfal kemm jista' jkun minn missierhom jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.[1]

20. Illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tghallimna li anke f'kazijiet fejn tfal minuri juru xi forma ta' resistenza li jiltaqghu ma' xi wiehed mill-genituri taghhom, huwa d-dmir tal-Qrati, skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, illi jipprovaw jiddentifikaw ir-raguni wara tali resistenza u li jindirizzawhom kif necessarju.[2] Hija s-sottomissjoni tal-esponenti li l-Qorti tal-Familja qeghda tonqos f'dan id-dmir, bi ksur tal-istess Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

21. Illi s-salvazzjoni tar-relazzjoni tar-rikorrenti hija, hekk skont professjonisti li jahdmu fl-isfera, fl-ahjar interess tat-tfal minuri li m'ghandhomx jigu mcahhda minn missierhom arbitrarjament u minghajr raguni valida – missier li qieghed jipprova kemm jista' u jaghmel dak kollu fil-poter tieghu sabiex jipprova ttejjeb is-sitwazzjoni u jibni relazzjoni bejnu u bejn uliedu. Huwa dritt tat-tfal li jkollhom missier, u l-Qorti ma tistghax, b'nuqqasijiet min-naha taghha, icahhad lit-tfal minn dan id-dritt, specjalment minn eta' daqshekk vulnerabbli. Dawn in-nuqqasijiet jikkostitwixxu ksur ta' dan id-dritt fundamentali li t-tfal jgawdu lil missierhom, u li missierhom jgawdi t-tfal.

---

[1] **Ara perezempju K.B. and Others v Croatia (App nu. 36216/13, 14 ta' Marzu 2017)**

[2] **Ara perezempju Aneva and Others v Bulgaria (App nu. 66997/13 77760/14 50240/15, 6 t'April 2017)**

**<u>Ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u>**

22. Illi apparti l-ksur lampanti tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-esponent Ivan Sammut jissottometti li l-fatt illi l-Qorti tal-Familja:

i. Ma hadet ebda passi sabiex tizgura li d-digrieti taghha fejn kkoncediet access lil missier ghat-tfal tieghu, gew effettwati;

ii. Injorat talba tal-missier sabiex jinstema' fuq it-talba tieghu sabiex it-tfal minuri jigu fdati fil-kurja u kustodja tieghu jew alternattivament li tinhareg *Care Order* fir-rigward taghhom, u dan dejjem sabiex huwa jipprotegi l-istat mentali tat-tfal tieghu meta huwa evidenti li qeghdin isofru vjolenza morali kkagunata minn ommhom rifless anke fl-imgieba u l-kliem taghhom kemm ma' missierhom u kemm mal-haddiema tal-Agenzija Appogg li qeghdin jipprovaw jghinuhom;

iii. Semghet lit-tfal minuri f'dan l-istadju, nonostante li ingieb a konoxxenza taghha l-istat mentali tal-istess tfal, fis-sigrieta, minghajr ma giet traskritta ix-xhieda taghhom, minghajr ma gie infurmat b'dak li qalu u sussegwentament ghaddiet sabiex irrevokat kull tip ta' access minghajr ma tat ebda raguni ghal dan;

Jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq, mhux biss fir-rigward ta' access effettiv

ghall-Qorti u fir-rigward in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-principju *audi alteram partem,* izda wkoll fir-rigward tal-ugwaljanza tal-armi; hekk kif ser jigi muri fil-mori tal-kawza.

23. Illi din il-Qorti ghandha ghalhekk ukoll isib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Taghti **mizura ghad interim** (*"interim measure")* billi tordna immedjatament:

a. Ir-repristinazzjoni tal-access, supervizjonat mill-Agenzija Appogg jekk ikun il-kaz, tat-tfal minuri rikorrenti a favur missierhom ir-rikorrent Ivan Sammut kif gie rakkomandat mill-Agenzija Appogg stess fir-rapport ta' Novembru 2018 u kif jistghu jirrikommandaw skont ic-cirkostanzi tal-mument;
b. is-soprasessjoni tal-kawza civili pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja, kif ukoll ta' kull kawza penali pendenti kontra r-rikorrenti Ivan Sammut bhalissa u dan sakemm ikun hemm ezitu finali ta' din il-kawza;
c. il-fissazzjoni ta' seduta mal-Agenzija Appogg sabiex jigi determinat dak li huwa fl-iprem interess tat-tfal minuri rikorrenti;

(2) Tiddikjara li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghar-rispett lejn il-hajja familjari hekk kif protetta mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Harsien tad-Drittijiet tal-

Bniedem gie miksur hekk kif deskritt iktar 'l fuq, mhux l-inqas minhabba l-aljenazzjoni totali tat-tfal minn missierhom konsegwenza tad-decizjonijiet u nuqqas ta' azzjoni tal-Qorti;

(3) Sussegwentament tirrevoka, tannulla u thassar id-Digriet tal-Qorti tal-Familja moghtija fis-6 ta' Dicembru 2018 fejn rrevokat kull tip ta' access bejn ir-rikorrenti;

(4) Taghti kull provvediment, ordni jew direttiva necessarja sabiex ir-rikorrenti jitpoggew fl-istatus quo ante tal-vjolazzjoni in kwistjoni, inkluz b'ordni specifika li r-rikorrenti ghandhom igawdu minn access regolari, supervizjonat mill-Agenzija Appogg jekk ikun il-kaz;

(5) Tiddikjara li d-dritt fundamentali tar-rikorrent Ivan Sammut ghal smigh xieraq gie miksur hekk kif deskritt iktar 'l fuq;

(6) Tillikwida kumpens ghall-ksur hekk stabbilit;

(7) Tikkundana lill-intimat ihallas lir-rikorrent il-kumpens hekk stabbilit;

(8) Taghti kull provvediment iehor li jidrhilha li huwa xieraq u opportun sabiex ir-rikorrenti jigu reintegrati fil-posizzjoni li kienu fih qabel ma sehhet il-vjolazzjoni u dan bit-tama li l-minuri ma jkollhomx jikbru minghajr ma jkunu jafu lill-missierhom.

Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali llum Avukat tal-Istat għall-ewwel talba tar-rikorrenti konsistenti fl-għoti ta' mizura provizorja li eccepixxa kif isegwi:

'Illi dina r-Risposta qiegħdha tigi prezentata ai termini tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Frar 2019 bi twegiba għall-ewwel talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom fejn dina l-Onorabbli Qorti qiegħdha tintalab sabiex *"Tagħti mizura għad-interim ('interim measure') billi tordna immedjatament: (a) ir-repristinazzjoni tal-access, supervizjonat mill-Agenzija Appogg jekk ikun il-kaz, tat-tfal minuri rikorrenti a favur missierhom ir-rikorrent Ivan Sammut kif gie rakkomandat mill-Agenzija Appogg stess fir-rapport ta' Novembru 2018 u kif jistgħu jirrikommandaw skont ic-cirkostanzi tal-mument ; (b) is-soprasessjoni tal-kawza civili pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja, kif ukoll ta' kull kawza penali pendenti kontra r-rikorrent Ivan Sammut bħalissa u dan sakemm ikun hemm ezitu finali ta' din il-kawza; (c) il-fissazzjoni ta' seduta mal-Agenzija Appogg sakemm jigi determinat dak li huma fl-iprem interess tat-tfal minuri rikorrenti".*

L-esponenti qed jopponi għat-talba kif dedotta fir-rikors in risposta għas-segwenti ragunijiet:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ma hi xejn ħlief abbuz ta' procedura u dan peress illi t-talba magħmula hija fis-sens li ma jigix ezegwit digriet li ngħata mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

   Illi certament illi mizuri provvizorji mhumiiex intizi sabiex iservu sabiex jistultifikaw ezekuzzjoni ta' digrieti jew sentenzi maħruga minn qrati oħra izda huma mizuri ta'

natura kawtelatorja. Dak li qed jittenta jaghmlu r-rikorrenti huwa dak li lanqas il-Qorti Ewropeja ma tati bhala rimedju.

Illi allegazzjoni *ex parte* illi sar ksur ta' dritt fundamentali ma hijiex ekwivalenti ghal sejbien gudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u hija ghal kollox inkompatibbli mas-serjeta' tal-process gudizzjarju u tac-certezza legali illi digriet jinzamm milli jitwettaq ghax xi hadd jallega li kien hem ksur ta' drittijiet fundamentali.

L-esponenti jirreferi ghall-provvediment moghti fid-19 ta' April 2016 minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, fuq talba ghat-twaqqif ta' ezekuzzjoni ta' sentenza fl-ismijiet **Stephen Pirotta vs L-Avukat Generali et** (rikors kostituzzjonali numru 13/16JRM) gie osservat "*Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza li saret gudikat, din ghandha l-effett li tistabilixxi fatt accertat ghaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza 'pro veritate habetur'. Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa biss f'sentenza ohra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi taghha, u sakemm ma tinghatax sentenza bhal dik, is-sentenza tibqa' tghodd. Illi r-rikorrent ma ta lil din il-Qorti ebda raguni minn dawn imsemmija hawn fuq ghalfejn il-mizura minnu mitluba ghandha tintlaqa' f'dan l-istadju tal-kawza. Ul-Qorti ma qieghda tara l-ebda cirkostanza li tohrog mill-atti tal-kawza li twassalha biex taghti dak ir-rimedju*".

Illi fil-fehma tal-esponenti, Digrieti ghandhom jitqiesu li jiswew u li nghataw *rite et recte* sakemm ma jintweriex mod iehor. Illi anke ghal din ir-raguni biss, it-talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja ma ghandhiex tintlaqa'.

2. Illi fil-pubblikazzjoni fl-ismijiet **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (Raba' Edizzjoni) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak jghallmu illi "*... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination ... such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be required until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of article 3 is likely to occur. This requires that evidence showing the danger to life or limb to which he may be subjected if expelled or information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government*".

   L-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Frank Paul Spiteri vs L-Avukat Generali** deciza fid-9 ta' Jannar 2017 fejn gie osservat illi "*Fl-ewwel lok jigi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjha interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "urgenza estrema" fejn in-nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti tjkun jehtigilha taghmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri ad interim huma indikati f'kazijiet eccezzjonali [Q. Kost.* ***Federation of Estate***

***Agents v. Direttur Generali Kompetizzjoni,*** *deciza 25 ta' Settembru 2014]".*

L-esponenti jaghmel riferenza wkoll ghall-provvediment moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Degiorgio vs L-Avukat Generali et** (rikors kostituzzjonali numru 57/2018/1) tat-22 ta' Mejju 2018 fejn gie osservat illi *"Il-Qorti qieset il-fattispecie tal-proceduri li ghandha quddiemha fid-dawl tas-succitat insenjament, li minnu johoru iz-zewg rekwiziti essenzjali sabiex din il-Qorti tghaddi biex taghti rimedji ad interim kif mitlub, u cioe' l-ksur prima facie u l-hsara irrimedjabbli".* Din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta kompliet tosserva illi *"Ghalhekk il-Qorti qeghda tqis li f'dan l-istadju u mad-daqqa t'ghajn, ma jidhirx li r-rikorrenti ghandu ragun f'dak li qieghed isostni. Il-Qorti tenfasizza li ma hija bl-ebda mod tghaddi gudizzju finali dwar l-allegazzjonijiet stante li tqis li dan jesigi essenzjalment skrutinju ferm aktar intensiv minn dak li jippermettu dawn il-proceduri. Stabbilita din il-mankanza ta' dritt prima facie, u tenut kont tal-htiega ta' sodisfazzjoni taz-zewg rekwiziti li ghalihom il-Qorti rreferiet aktar 'il fuq, il-Qorti tista' tieqaf hawn. Madankollu, tqis li jkun ghaqli li tghaddi biex tikkonsidra l-pregudizzju li jista' jsofri r-rikorrenti kemm-il darba din il-Qorti ma tilqax it-talbiet tieghu u jghaddu biex jixhdu l-ufficcjali tal-F.B.I. fil-kumpilazzjoni. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest tal-htiega konsistentement rikjesta mill-gurisprudenza li r-riskju jinhtieg li jintwera ghandu jkun riskju reali u tangibbli. Issa din il-Qorti taghraf li l-istadju tal-proceduri fil-konfront tar-rikorrent ghadu bikri, ir-rikorrenti jkollu kull jedd li, permezz tal-eccezzjonijiet tieghu imressqa skond il-ligi fl-istadju opportun li jikkontesta l-ammissibilita' ta' kull prova li tingieb kontrih".*

Illi ghalhekk fuq l-iskorta tal-insenjament tal-gurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fuq ir-rikorrenti li juru li (a)

ghandhom dritt prima facie li nkiser; u (b) hsara irrimedjabbli f'kaz li ma tinharigx il-mizura provvizorja. Illi dawn iz-zewg rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li ghandhom jigu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrenti tigi milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti.

3. L-esponenti jissottometti wkoll illi l-ghoti ta' mizuri provvizorji trid tigi kunsidrata tenut kont tal-artikoli partikolari li mminnhom ikun qed jillanja l-individwu u dan peress li l-ghoti ta' tali mizuri huwa ezercizzju eccezzjonali u straordinarju. Kemm il-Qrati nostrani kif ukoll il-Qorti Ewropja jinterpretaw kwistjonijiet ta' interm measures b'mod ristrett ghall-ahhar u jikkoncedu tali miuri biss f'cirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u ta' trattament inuman u degredanti izda tali allegazzjonijiet huma cirkoskritti ghall-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u esplusjoni. Issir riferenza ghall-provvediment moghti fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Caruana vs l-Avukat Generali** deciza fit-23 ta' April 2003 fejn gie osservat illi "*interim relief jinghata meta 'there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm' u generalment jinghata f'kazijiet fejn hem 'an alleged risk to life or ill treatment' fosthom kazijiet ta' deportazzjoni u espulsoni ghal stati fejn ir-riskju ghall-hajja huma kbar hafna. 'Matters of detention, interference with property rights' m'humiex fost il-kazijiet fejn jinghata interim relief*'. Illi mir-rikors in risposta jidher li l-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu taht allegata lezjoni tal-Artikolu 2 jew 3 tal-Konvenzjoni u li anke abbazi ta' da nil-fattur it-talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja ghandha tigi michuda.

4. Illi r-rikorrenti jibbazaw il-hrug ta' mizura provvizorja abbazi tal-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ezami *prima facie* li trid taghmel dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti jissottometti li l-fatt li l-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) waqfet l-access tal-missier ghall-minuri ma jfissirx li hemm mad-daqqa t'ghajn vjolazzjoni tad-dritt ghar-rispett tal-familja u dan stante li f'kazijiet li jikkoncernaw minuri, il-Qrati li jiddeciedu l-kwistjonijiet li jikkoncernaw it-tfal, l-ewwel u qabel kollox jiehdu in kunsiderazzjoni l-ahjar interessi tal-minuri. Illi effettivament meta Qorti twaqqaf genitur milli jkollu access ghall-minuri jew tordna access limitat ghall-minuri ma jgibx bhala konsegwenza l-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u dan peress illi tali mizuri huma proprju intizi sabiex jiggarantixxu rispett lejn il-hajja, id-dinjita', il-kura u protezzjoni tal-minuri. In fatti fil-kawza fl-ismijiet **X v. Federal Republic of Germany** (applikazzjoni numru 2699/65) deciza fl-1 ta' April 1968 gie osservat illi *"it may be legitimate, or even necessary, for the national law to provide rules governing the relationship between parents and children which differ from the rules which are applicable when the family unit is still maintained"*. Illi l-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) waslet ghad-digrieti taghha wara li rat it-talbiet, semghet personalment lill-minuri kif ukoll semghet is-sottomissjonijiet tal-genituri. Illi kien f'dan il-kuntest wara li l-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) tat id-dovut kunsiderazzjoni l-interessi kunfliggenti tal-genituri u meta rat l-ahjar interessi tal-minuri li inghataw id-Digrieti mill-imsemmija Qorti. Illi huwa evidenti li thares minn fejn thares li certament li mad-daqqa t'ghajn ma hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Illi l-

istess jinghad dwar l-allegata lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li r-rikorrenti ghandhom kemm rimedju tramite talba ghall-varjazzjoni tad-Digriet tal-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) kif ukoll tramite azzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi rexiss digriet tal-istess Qorti. Illi aktar minn hekk, il-fatt li l-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) ma laqghetx xi talbiet li ghamel il-missier ma jfissirx b'daqshekk li hemm apparenza ta' lezjoni. Lanqas ma jwassal ghall-apparenza ta' lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq mill-fatt li l-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) semghet lit-tfal wahidha minghajr il-presenza tal-genituri u minghajr ma l-genituri gew infurmati x'qalu t-tfal: certament dan sar sabiex jigu protetti l-ahjar interessi tat-tfal u sabiex it-tfal hassewhom liberi li jesprimu l-fehmiet taghhom.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) hija fl-ahjar posizzjoni li tiddeciedi x'inhuwa fl-ahjar interessi tal-minuri u dan fic-cirkostanzi li ghandha quddiemha dik il-Qorti u li bir-rispett kollu hija dik il-Qorti li ghandha tiddeciedi dawn il-kwistjonijiet u mhuwiex gjust li r-rikorrenti jittenta jitfa' u jisposta tali decizjonijiet fuq dina l-Onorabbli Qorti. Illi f'dawn ic-cirkostanzi certament li l-hsara irrimedjabbli tirrizulta jekk jitbiddlu d-decizjonijiet tal-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) u dan billi l-protezzjoni lill-minuri li jkun inholoq minn dik il-Qorti jigi mnaqqar abbazi ta' allegazzjoni ta' lezjoni.

5. Illi maghdud ma'dan, it-talba sabiex jigi ripristinat l-access kontra dak li gie deciz mill-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) jkun ifisser b'mod indirett li tkun intlaqghet it-talba numru (iii) fir-rikors promotur fejn ir-rikorrenti jitolbu li jigi revokat

id-Digriet tas-6 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu twaqqaf l-access. Illi l-ghoti ta' mizuri provvizorji mhumiex mahsuba sabiex jinghata r-rimedju mitlub ghall-vjolazzjoni u ghalhekk li certament li dina l-Onorabbli Qorti hija prekluza milli tirriprestina l-access kif mitlub bhala mizura provvizorja. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-provvediment fl-ismijiet **Mario Borg vs L-Avukat Generali** (rikors kostituzzjonali 43/2016JRM) tal-14 ta' Gunju 2016 fejn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta cadet talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja wara li osservat illi *"terga" u tghid, wahda mit-talbiet ewlenin tar-rikorrent fil-kaz tal-lum (l-ewwel wahda fir-rikors promotur) hija li din il-Qorti tordna li r-rikorrent jinheles mill-habs. Bit-talba li qieghed jaghmel f'dan ir-rikors ghall-ghoti ta' rimedju provvizorju, il-Qorti qieghda effettivament tintalab tiddeciedi l-mertu tal-imsemmija talba qabel ma l-kaz ghadu gie trattat quddiemha"*.

6. Illi r-rikorrenti qieghed jitlob ukoll bhala mizura provvizorja li dina l-Onorabbli Qorti tissoprassjedi l-kawza quddiem il-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) kif ukoll il-kawzi kriminali kollha istitwiti kontra r-rikorrenti. L-esponenti jissottometti li l-Qorti Kostituzzjonali lanqas f'kazijiet fejn persuni li potenzjalment kienu qed ihabbtu wicchom sahansitra ma' peina ta' ghomor fil-habs, fl-ipotezi ta' sejbien ta' htija tal-akkuzi dedotti kontra taghhom, kienet irrezistiet talba li tordna s-sospenzjoni tal-proceduri kriminali ghax qieset li ma kinux jezistu l-estremi ghall-hrug ta' mizuri provvizorja, allura bl-istess kejl m'ghandux ikun hemm lanqas farka ta' ezitazzjoni li f'dan il-kaz ghandu jigi michud ir-rimedju provvizorju mfittex mir-rikorrenti. Dan qieghed jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt li r-rikors promotur jitratta l-proceduri li hemm pendenti quddiem il-Qorti Civili (sezzjoni tal-

Familja) u mhux il-proceduri penali kontra r-rikorrenti kif ukoll tenut kont tal-fatt li sabiex jigi trattat u deciz lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq l-process kollu ghandu jigi evalwat fit-totalita' tieghu filwaqt li huwa permissibbli li jkun hem interferenzi kwistjonijiet tad-dritt ghall-hajja familjari meta l-interess suprem tal-minuri hekk jiddetta.

7. Illi r-rikorrenti qieghed jitlob li ssir seduta mal-Agenzija Appogg sabiex jigi determinat dak li hua fl-iprem interess tat-tfal minuri rikorrenti. L-esponenti f'dan ir-rigward jirrileva li mizura provvizorja hija mizura li twaqqaf xi haga milli ssir u cioe' talbiet ghall-hrug ta' mizura provvizorja jridu jikkontjenu obbligu 'di non fare' u mhux 'di fare' kif qieghed jintalab fil-paragrafu (c) tal-ewwel talba.

8. Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, fil-kaz odjern ma hemmx cirkostanzi li jimmilitaw favur il-hrug ta' mizuri provvizorji ghaliex la gie muri li hemm vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali mad-daqqa t'ghajn u lanqas ma ntweriet il-hsara irrimedjabbli izda jidher bla ebda dubju li l-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) qieghdha tohrog id-Digrieti taghha sabiex tassigura dak li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri f'cirkostanzi ta' kunflitt bejn il-genituri f'xenarju ta' separazzjoni kumbattuta u fejn it-tfal ghandhom bzonn protezzjoni massima.

Illi jsegwi ghalhekk li t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors in risposta ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.'

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2019 Dr. Victoria Buttigieg ghall-Avukat Generali llum Avukat tal-Istat talbet il-kjamata fil-kawza

ta' omm il-minuri u mart ir-rikorrent Graziella Doreen Sammut stante l-interess taghha fil-proceduri liema talba giet opposta mir-rikorrent. Din it-talba giet milqugha minn din il-Qorti diversament preseduta permezz ta' digriet datat 4 ta' Marzu, 2019.

Rat illi fl-istess seduta fuq talba tal-istess Avukat Generali din id-darba mhux opposta mir-rikorrent giet nominata Dr. Stephanie Galea, l-Avukat tat-Tfal sabiex tidher fl-atti in rappresentanza tal-minuri.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ghat-talbiet l-ohra kif isegwi:

'Illi l-lanzjani tar-rikorrenti huma mibnija fuq zewg binarji u cioe' fuq allegata lezjoni tar-rispett lejn il-hajja familjari kif protett mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fuq allegata lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-allegata lezjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija fis-sens illi *"l-fatt illi l-Qorti issa ssospendiet l-access tal-minuri ghal missierhom, purament abbazi tax-xhieda tat-tfal (minghajr ma l-missier jaf x xehdu) minghajr ma hadet in kunsiderazzjoni it-tentattiv kontinwu u palpabbli tal-omm illi taljena lit-tfal kemm jista' jkun minn missierhom jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja"* kif ukoll li allegatament li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) qieghdha tonqos milli tipprova tidentifika r-raguni wara r-resistenza tal-minuri li jitlaqghu mar-rikorrenti. L-allegata lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni hija fis-sens illi l-Qorti Civli (Sezzjoni tal-Familja) qieghdha tikser id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq *"mhux biss fir-rigward ta' access effettiv ghall-Qorti u fir-rigward in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-principju audi alteram partem, izda wkoll fir-rigward tal-ugwaljanza tal-armi".*

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi *in linea* preliminari, ir-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi huma qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedju ordinarju sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. In fatti, ir-rikorrenti ghandhom rimedju tramite talba ghall-varjazzjoni tad-Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif ukoll azzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jattakkaw tali digriet u dan taht il-poteri residwali tal-Prim Awla tal-Qorti Civili. Illi ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan ai termini tal-*proviso* ghall-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*provisio* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jecepixxi li ghalkemm l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi li kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu madankollu f'kazijiet illi jikkoncernaw minuri, bhal fil-kaz odjern, hija l-prassi tal-Qorti li l-ewwel u qabel kollox jiehdu in kunsiderazzjoni l-ahjar interessi tal-minuri.

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk kellu jigi meqjus minn dina l-Onorabbli qorti li hemm interferenza fir-rigward ta' dan id-dritt l-esponenti jecepixxi li dan huwa salvagwardjat permezz tat-tieni paragrafu ta' l-istess Artikolu in kwantu huwa skont il-ligi, hija intiza ghall-ghan legittimu u mehtiega f'socjeta' demokratika.

Illi effettivament meta jkun hemm limitazzjoni fuq access ta' genitur ghall-minuri wliedu inevitabbilment dan igib mieghu xi tip ta' interferenza fil-hajja familjari tal-genitur izda fl-istess waqt dan ma jgibx bhala konsegwenza l-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan peress illi tali mizuri huma proprju intizi sabiex jiggarantixxu rispett lejn il-hajja, id-dinjita', l-kura u l-protezzjoni tal-minuri.

In fatti fil-kawza fl-ismijiet **X v. Federal Republic of Germany** (applikazzjoni numru 2699/65 deciza fl-1 ta' April 1968) gie osservat illi *"it may be legitimate, or even necessary, for the national law to provide rules governing the relationship between parents and children which differ from the rules which are applicable when the family unit is still maintained"*.

Illi dak illi huwa imperattiv fil-kunsiderazzjoni tal-allegazzjoni tar-rikorrenti huwa jekk, filwaqt li l-interess tal-minuri jinzamm bhala kunsiderazzjoni primarja, jekk fid-decizjonijiet *pendente lite* tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) zammewx dak il-bilanc gust bejn l-interessi kunfliggenti tal-genituri. F'dan l-ezercizzju l-qrati ghandhom diskrezzjoni wiesa' hafna u sakemm dina l-Onorabbli Qorti ma ssibx li tali ezercizzju ta' diskrezzjoni sar b'mod irragonevoli, jew

ma jsegwix ghan legittimu, jew mhux necessarju allura ma ghandux jigi mibdul.

Illi in oltre, id-Digrieti tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) inghataw wara li dik il-Qorti semghet sahansitra lil dawk il-minuri li ghandhom certu maturita' u wara apprezzament tal-provi dwar is-sitwazzjoni partikolari tal-membri ta' din il-familja. Tali apprezzament tal-provi ma ghandux jigi disturbat billi huwa wiehed konsegwenti ghal analizi bilancjata u ragonevoli tad-drittijiet rispettivi tal-partijiet.

Illi l-fatt li genitur ma jaqbilx ma' Digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) liema Digriet ikun jirrigwarda r-relazzjonijiet familjari, b'daqshekk ma jissarrafx f'lezjoni tad-dritt ghall-hajja familjari. Illi jidher bl-aktar mod car, li fil-kaz odjern il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghamlet apprezzament metikoluz tas-sitwazzjoni familjari tal-kaz li kellha quddiemha inkluz ic-cirkostanzi partikolari li gew prezentati lilha u li kien wara tali apprezzament u ghar-ragunijiet li tat l-istess Qorti fid-Digrieti taghha li giet imposta restrizzjoni fuq ir-rikorrenti.

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni ta' dan l-Artikolu.

3. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegata lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq u senjatament l-allegat nuqqas ta' access effettiv ghall-Qorti, l-esponenti jibda billi jissottometti illi l-fatt li ligi tipprovdi access limitat ghall-Qorti bl-ebda mod ma jfisser li hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Tali restrizzjonijiet u limitazzjonijiet huma permissibbli u mhux lezivi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi l-punt kardinali

relatat mal-kaz odjern jibqa' li dan id-dritt ta' access jista' jkun limitat u dan kien stabbilit mill-inqas sa mill-1994 fil-kaz *Fayed v UK.* Il-Qorti Ewropea stabilliet ukoll f'diversi kazijiet illi anke meta individwi ikunu prekluzi milli jadixxu lill-qorti ghal ragunijiet differenti, dan ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ta' access ghall-qorti. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferi wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet *Devenmney v. The United Kingdom*[3] fejn il-Qorti Ewropea osservat illi dawn il-limitazzjonijiet '... *are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State'.* Illi mkien fir-rikors promotur ma nsibu mfisser ezattament kif fil-prattika kien limitat l-access tar-rikorrenti ghall-Qorti. Ghall-kuntrarju jidher li r-rikorrenti prezenta rikorsi quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn ghamel it-talbiet tieghu. Illi jidher ghalhekk li ma kellu l-ebda impediment sabiex jadixxi l-Qorti. Illi aktar minn hekk, il-fatt li r-rikorrenti ma jaqbilx mal-pronunzjament ta' dik il-Qorti ma jfissirx li huwa sofra lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Illi mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda din is-setgha wiesa' hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma

---

[1] Application Number 24265/94 deciza fid-19 ta' Marzu 2002.

ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skond il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula a bazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi jew Digrieti. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' tharis tal-principju tal-*audi alteram partem*, l-esponenti jirrileva li l-principju *audi alteram partem* ma jfissirx li l-parti milquta trid bilfors tinstema' bil-fomm, izda li tinghata l-opportunita` tressaq il-kaz taghha. Hekk gara fil-kaz odjern, ir-rikorrenti inghata kull opportunita illi jipprezenta t-talbiet tieghu permezz ta' rikorsi liema rikorsi gew ezaminati u deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u ghalhekk fl-ebda waqt ma jista' jinghad li kien hemm ksur tal-principju *audi alteram partem.*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-principju tal-*equality of arms*, l-esponenti jissottometti li dan il-principju

jimplika li kull parti ghandu jkollha l-opportunita' ragjonevoli li tipprezenta l-kaz u l-provi taghha taht kundizzjonijiet li ma jqeghduhiex fi zvantagg fil-konfront tal-parti l-ohra. Madankollu, l-partijiet ma ghandhomx dritt assolut li jipproducu xhieda. Illi certament li mhux bizzejjed li l-parti turi li ma nghatatx seduta sabiex ittellghet xhieda *viva voce* u taghmel is-sottomissjonijiet taghha bil-fomm. Illi l-fatt li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) semghet it-tfal fis-sigrieta minghajr ma giet traskritta x-xiehda tat-tfal minuri bl-ebda mod ma jwassal ghal ksur tal-principju tal-*equality of arms* u dan stante li dan sar sabiex it-tfal ihossuhom liberi jesprimu ruhhom liberament kif ukoll li b'daqshekk ir-rikorrenti bl-ebda mod ma kien zvantaggat meta kkumparat ma' martu li hija l-parti l-ohra fil-proceduri ta' separazzjoni u dan stante li t-traskrizzjoni ma kienet disponibbli ghall-ebda wiehed mill-genituri tal-minuri.

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni ta' dan l-Artikoli.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

5. Bl-ispejjez.'

Rat illi fil-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 15 ta' Marzu, 2019 r-rikorrent talab li l-Qorti tilqa' provizorjament parti mit-talba li taghti ordni sabiex il-kawzi kollha penali bejn il-genituri jigu sospizi sakemm jintemmu l-proceduri odjerni. Rat illi l-Qorti fl-istess verbal tat digriet kif isegwi:

'Illi ghalkemm hemm minn dawn l-akkuzi kwistjoijiet li jinvolvu l-access, l-ordnijiet tal-Qorti tal-Familja ghadhom veljatni u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tilqa' t-talba f'dan l-istadju, u ghaldaqstant tichad it-talba.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Graziella Doreen Sammut li eccepiet kif isegwi:

'Illi dina l-umli risposta qedha ssir ghat-talba tar-rikorrenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti taghti *interim measure* fuq ir-rikors kif imressaq minn Dr. Ivan Sammut;

1. Inizjalment jigi rilevat li t-tfal ma' jafux u ma' jridux li jippartecipaw f'dawn il-proceduri. Illi l-esponenti ma' tifhimx u tixtieq li ssir taf b'liema dritt u awtorita zewgha qabad u presta ruhu sabiex jinizja proceduri anke f'isem uliedu. Illi dan il-punt ghandu jigi mistharreg in kwantu igib u jirrendi l-proceduri kollha kemm huma monki. Jigi minn l-ewwel enfasizzat li r-rikorrenti qabad u ghamel dina l-inkluzjoni ta' uliedu minghajr ma' hekk kien awtorizzat minn hadd;

2. Illi fit-tieni lok jinghad li r-rapport wahdieni li presenta r-rikorrenti b'nota datat Novembru 2018 huwa kemm xejn 'stramb'. Illi l-esponenti ghandha numru kbir ta' rapporti ohra tal-istess Agenzija kollha presentati fl-atti tal-kawza tas-separazzjoni, li jindikaw li jkun opportun u fl-interess tal-ulied li ma' jkollhomx kuntatt ma' missierhom;

3. Illi d-digriet moghti mill-Qorti tal-Familja li ssospenda l-access lill-missier mhux veru li jippregudika d-dritt ta' familja kif kontenut fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea

dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif riflessa fil-Kostituzjoni ta' Malta. Illi b'rispett dana huwa tentattiv pwerili tar-rikorrenti sabiex jittanta jkompli jisfida lill-Qorti tal-Familja. **<u>Illi tajjeb li jinghad li huwa impellenti qabel ma' tittiehed xi forma ta' decizjoni li anke dina l-Onorabbli Qorti tkellem hi lill-ulied alumenu l-kbar sabiex il-Qorti tifhem u tkun tista verament taprezza il-motivazzjonijiet u l-veratijiet li wasslu lill-Qorti tal-Familja tasal ghad-digriet li waslet ghalih:</u>**

4. Illi tajjeb li dina l-Qorti tkun taf illi l-ulied esperjenzaw sitwazzjoni ta' biza kbira minhabba l-agir ta' missierhom u spiccaw f'sitwazzjoni fejn anke waqt l-access li kien b'supervizjoni bdew jaharbu minn l-ufficini tal-Agenzija b'riskju kbir ghas-sahha taghhom. Is-sitwazzjoni kienet precipitat b'pulizija tad-distrett jigru fit-toroq tal-madwar tal-Agenzija ifittcxu lill-ulied minuri ghaliex dawn bdew jintilfu f'isterizmu u jaharbu tant jibzaw mill-presenza tal-missier. Illi dana kollu sehh ghaliex meta l-koppja kienet ghadha maqghuda, il-missier hemm allegazzjonijiet serji li kien jitratta lill-ulied hazin hafna;

5. Illi minhabba f'dan kollu li kien qed jigri, l-ulied kienu bdew sejrin hazin fl-iskola u anke fil-mod kif huma jikkorrelataw ma' shabhom. Il-problemi li bdew jinqalghu minhabba fil-ftit access li kien hemm kienu enormi. Illi inoltre l-esponenti ma' tistax tifhem dana iz-zelu ipokrita tal-missier. Il-missier beda dawn il-proceduri kollha u qed jiprovva jiprojjetta l-immagini li huwa qed isofri minn drittijiet lilu lezi ghax mhux jara lil uliedu. Illi pero fl-istess waqt l-istess missier mhux ihallas mizata tal-iskola [sehmu] b'riskju li l-ulied jitkeccew minn l-iskola jekk l-esponenti ma' takwistax il-

mezzi, qed joggezzjona li t-tfal isiefru mat-tim tal-futball kif ser jaghmlu shabhom kollha; harbat lit-tfal milli jkomplu jattendu muzew fejn kellhom il-hbieb taghhom; mhux ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u medici kif ordnat u ilu ma' jhallas xhur twal u kull forma ta' diffikulta ohra immaginabbli. Illi wiehed jistaqsi allura kemm hija genwina dina s-suppost imhabba li r-rikorrenti ghandu ghal uliedu. Illi dan qed jinghad ghaliex il-Qorti b'rispett trid tkun konvinta li verament ir-rikorrenti qed ibaghti minn lezjoni ta' dritt u li mhux si tratta ta' suppost lezjoni ta' dritt li qed tahbi sempliciment sitwazzjoni ta' pika li l-missier ghandu lejn l-omm esponenti;

6. Illi l-Qorti trid tqis finalment li tapreza l-bilanc li ghandu jkun hemm bejn allura dana s-suppost dritt li r-rikorrenti qed jghid li qed jigi lilu miksur u l-obbligu tal-Qrati li jharsu l-*ben essere* tal-ulied minuri. Illi bid-dovut rispett l-esponenti tikkontendi li huwa altru milli ampjament ovvju li fl-ahjar interess tal-ulied ma' ghandha tinghata ebda ordni u jew direzzjoni ohra li tippermetti li ssir hsara lit-tfal minuri. Il-bilanc ixeqleb bil-wisq lejn l-obbligu li dawn it-tfal ma' jibqghux jitkisru u bid-dovut rispett il-kuntatt tal-ulied mar-rikorrenti kull ma huwa qed jaghmel huwa li jkompli jirrendi l-hajja ta' dawn it-tfal aktar difficli milli s'issa kienet;

   Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghal ghaqli gudizzju tal-Qorti.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Graziella Sammut ghat-talbiet l-ohra kif isegwi:

1. ‘In linea preliminari, l-irritwalita tal-proceduri, inkwantu r-rikorrenti Dr. Ivan Sammut ma’ huwiex awtorizzat sabiex iressaq il-proceduri odjerni f’isem it-tfal minuri tieghu;

2. In linea preliminari, t-talbiet ghandhom jigu michuda stante li r-rikorrenti ma’ ezawrhiex ir-rimedji ordinarji lilu moghtija bil-Ligi qabel ma’ ressaq dawn il-proceduri. Illi d-digriet tas-sospenzjoni tal-access tal-minuri li r-rikorrenti qed jikkontesta b’dana l-process kien wiehed temporanju, u kwindi r-rikorrenti kien ghadu jrid jottjeni sentenza finali minn dik l-Ewwel Qorti li qed tisma l-process tas-separazzjoni personali minn ma’ martu, fejn l-istess rikorrenti huwa attur fil-kawza. Illi ghas-sahha tal-argument meta u li kieku, ir-rikorrenti ma’ qabilx mas-sentenza finali huwa ghandu a disposizzjoni tieghu ‘mbaghad il-procedura tal-appell minn dak is-sentenza. Illi ghalhekk altru milli l-esponenti ressaq dawn il-proceduri minghajr ma’ ezawrixxa r-rimedju ordinarji a disposizzjoni tieghu. Illi fil-fatt ir-rikorrenti f’dan il-process ressaq dawn il-proceduri fi stadju hekk bikri li anqas biss il-Qorti tal-Familja ghada ma’ ddikjarat ruhha definittivament. Illi ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda ghaliex wiehed ma’ jistax jitkellem fuq lanjanzi kostituzjonali meta ‘n effetti l-process tas-separazzjoni huwa fi stadju tant bikri;

3. Illi fil-mertu mhux minnu li r-rikorrenti saret lilu vjolazzjoni taht l-Art 8 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi r-rikorrenti ma’ qabilx mad-digriet li bih gie sospiz lilu l-access versu l-minuri u qed jara kif jaghmel sabiex juza lill-Qorti Kostituzzjonali u jtiha funzjoni li ma’ ghandhiex sabiex isservi bhala Qorti ta’ Revizjoni ghal fuq dak li ghamlet il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja. Illi dana l-manuvra legali tar-rikorrenti ma’ ghandhiex tithalla li ssehh ghaliex fl-ewwel lok hija ghal kollox

skorretta u abbuziva u fit-tieni lok ser tohloq precedent perikoluz hafna specjalment fil-kawza tal-familja, fejn kulhadd jaf kemm il-partijiet jidhlu f'pika fil-perkors tal-litigji legali taghhom;

Illi l-verita hija li r-rikorrenti kif inghad ma' sofra ebda lezjoni ta' dritt kif qed jallega. Il-Qorti Civili-Sezzjoni tal-Familja wara li qisiet, gharblet, stenniet, inkarigat esperti u semghet hi stess l-ulied fehmet, korrettement, li fl-ahjar interess tal-ulied ir-rikorrenti ma' kellux izomm kuntatt maghhom. Illi kull Qorti, fl-Istituzjoni tal-Gustizzja ghandha l-obbligu, immaterjalment hux Qorti tal-Familja u jew Qorti Kostituzzjonali li tara 'l fejn imur il-bilanc bejn l-interessi tal-minuri u d-drittijiet tal-missier. Illi l-Qorti tal-Familja ddecediet li l-ewwel li jreggi huwa l-interess tal-minuri u 'l fatt li l-Qorti tal-Familja f'dik il-kawza ddecediet l-ovvju ma' jfissirx b'rispett li l-missier sofra allura xi lezjoni ta' dritt kif huwa b'mod assidwu jippretendi;

4. Illi dwar l-allegazzjoni ta' lezjoni ta' dritt taht l-Art 6 tal-Konvenzjoni Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. l-esponenti tirrileva li b'harsa fuq fuq lejn l-atti processwali tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja, wiehed mill-ewwel jintebah li assolutament mhux minnu li dik il-Qorti b'xi mod cahdet lir-rikorrenti minn xi rappresentanza jew mis-smigh b'mod li pregudikatlu l-principju *audi alteram parterm*. Illi mhux talli mhux kif qed jallega r-rikorrenti, talli huwa li hu Avukat bi dhul finanzjarju sostanzjali minn l-Univerista ta' Malta u minn kumpaniji kummercjali li nvolut fihom ghandu vantagg ekonomiku fuq l-esponenti li hija mara tad-dar tipprova tlahhaq ma' erbat itfal b'manteniment f'rata mizera u sitwazzjoni fejn il-missier mhux ihallas kif ordnat anqas s-sehem tieghu minn l-ispejjez edukattivi u medici. Illi ir-rikorrenti f'dawk il-proceduri imbarka fuq l-intavolar ta' numru enormi ta' rikorsi li l-esponenti

kellha twiegeb u li l-Qorti ddecediet b'reqqa u b'zelu liema bhalu. Illi ghall-esponenti kien imnalla li kellha l-familjari taghha jghinuha ekonomikament sabiex tkompli tippartecipa fil-kawzi tant ir-rikorrenti ghandu vantagg ekonomiku fuqha. Illi ghalhekk l-esponenti assolutament ma' tistax tifhem kif ir-rikorrenti qed jilmenta minn xi forma ta' nuqqas ta' smigh xieraq;

Illi l-esponenti wisq tahseb li dan l-ilment ta' dina s-suppost lanjanza nghata sabiex ir-rikorrenti jittanta ma' jhallix lill-Qorti Civili-Sezzjoni tal-Familja tibqa komposta kif inhi bhalissa;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.'

Rat l-affidavits, xiehda, rapport tal-esperti u tal-assistenti socjali, digrieti ta' Qrati diversi, rikorsi, risposti, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta datat 16 ta' April, 2019 li jitratta l-ewwel talba u cioe' il-hrug ta' rimedju provvizorju (interim measure) fejn il-Qorti laqghet l-ewwel talba limitatament fis-sens li (i) irripristinat l-access tar-rikorrenti mal-minuri Mariano-Francesco Sammut ghal darba wahda biss fil-gimgha u (ii) hatret lil Bernard Caruana – clinical psychologist sabiex fost affarijiet ohra jissenjala jekk jirravizax kaz ta' *parental alienation* jew ragunijiet ohra ghaliex it-tfal l-ohra qed jirrezistu l-kuntatt mal-missier u jaghmel is-suggerimenti necessarji. Filwaqt li cahdet it-tieni talba (b) billi tezorbita mill-indagini li trid taghmel din il-Qorti u cahdet ukoll it-talba (c) billi hija sorvolata bid-digriet odjern;

Rat in-nota datata 29 ta' April, 2019 li permezz taghha l-Agenzija Appogg pprezentat rapport rilaxxat mill-Haddiema Socjali Charmaine Zerafa fejn permezz tieghu taw sommarju ta' x'gara fl-ewwel access supervizjonat tal-25 ta' April, 2019 li sar bejn il-missier Dr Ivan Sammut u l-minuri z-zghir Mariano-Francesco Sammut fejn irrizulta li l-minuri ghal saghtejn shah ma riedx jinzel minn fuq ommu u allura effettivament l-access mal-missier ma sarx u ghalhekk talbu direzzjoni dwar x'ghandu jsir fl-access li jmiss fil-kaz li l-minuri jerga' juri l-istess atteggament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta datat 29 ta' April, 2019 fejn permezz tieghu awtorizzat l-espert sabiex jircievi dokumenti direttament minghand il-partjiet salv li l-parti fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha tinnotifika lill-parti l-ohra b'kopja tad-dokumenti esebiti b'nota;

Rat illi permezz ta' digriet tat-30 ta' April, 2019 il-Qorti kif diversament preseduta ordnat li t-tfal Karol u Matthias jingiebu fis-sigrieta taghha sabiex jinstemghu wahedhom;

Rat ir-rikors tal-attur Dr Ivan Sammut intavolat nhar l-10 ta' Mejju, 2019 fejn permezz tieghu fost affarijiet ohra talab illi din il-Qorti kif diversament preseduta ssib lill-kjamata fil-kawza Graziella Sammut hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha billi qieghda tostakola l-access ordnat minn din il-Qorti kif diversament preseduta permezz tal-mizura ad interim moghtija fis-16 ta' April, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali ghar-rikors tal-attur pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2019 datata 22 ta' Mejju, 2019 fejn fost affarijiet ohra sahaq li l-Qorti ghandha taccerta ruhha li dak li gie allegat fil-fatt sehh u li l-kawza odjerna hija ta' indoli

kostituzzjonali u m'ghandiex tigi ridotta ghall-azzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja u r-risposta tal-intimata Graziella Sammut fejn fost affarijiet ohra sahqet li n-nota tal-addetti tal-Appogg titkellem ukoll dwar kemm hija ppruvat tkellem lit-tifel iz-zghir biex imur ghall-access ta' missieru u mportanti wkoll li wiehed jara d-deposizzjoni moghtija mill-Pulizija fejn irrizulta li hija m'ghamlet xejn li b'xi mod marret kontra l-ordni tal-Onorabbli Qorti;

Rat in-nota ta' l-attur Dr Ivan Sammut fejn permezz taghha pprezenta kopja ta' digriet tal-Qorti tal-Familja datat 6 ta' Mejju, 2019 fejn permezz tieghu dik il-Qorti sahqet li in vista tad-digriet 'interim', x-xoghol kollu li sar mill-Qorti u minn Claire Francica issa gie stultifikat u illi l-partijiet issa jridu jsegwu d-digriet 'interim' li nghata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' April, 2019 u fejn iddikjara li kien sejjer jipprezenta rikors ghar-revoka tieghu *contrario imperio*;

Rat ir-rapport tal-espert Bernard Caruana li gie mahluf fl-20 ta' Gunju, 2019 u li jinsab a fol. 266 *et seq* tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2019 Dr Edward Gatt ghall-attur talab li qabel il-Qorti tghaddi in gudikat tisma' hi personalment lil ulied minuri, u rat li kemm Dr Stefano Filletti, kif ukoll Dr Victoria Buttigieg, ghall-Avukat Generali m'oggezzjonawx. Rat ukoll li l-Qorti kif preseduta rriservat li tipprovdi dwar din it-talba wara li tisma' lil Bernard Caruana in eskussjoni;

Semghet ix-xiehda in eskussjoni ta' l-espert Bernard Caruana traskritta a fol. 447A *et seq* tal-process;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta datat 15 ta' Lulju, 2020 in segwitu ghat-talba tal-kjamat in kawza fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2019 fejn din il-Qorti ghar-ragunijiet indikati fl-istess digriet cahdet it-talba sabiex jinstemghu l-minuri u ordnat li l-partijiet jipprosegwu bil-prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet taghhom u l-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Novembru, 2020 li gie debitament komunikat lill-Avukati tal-partijiet fejn il-Qorti specifikat li l-ahhar data sabiex il-partijiet idahhlu s-sottomissjonijiet bil-miktub kienet dak tal-20 ta' Novembru, 2020 fit-3.00p.m.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna titratta allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem principalment tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Harsien tad-Drittijiet tal-Bniedem li jitkellem dwar id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja, u, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jitkellem dwar id-dritt ghal smigh xieraq.

Illi jinghad ukoll li bil-kawza odjerna ntalbet mizura *ad interim* ('interim measure') liema mizura *ad interim* inghatat permezz ta' digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta nhar is-16 ta' April, 2019 a fol. 162 *et seq* tal-process. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tinvestiga biss l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mhux ser tinoltra ruhha fuq l-ewwel talba relatata mal-*interim measure* sakemm dan ma jkunx neccessarju ghad-decizjoni finali.

**Fatti fil-Qosor:**

L-attur Dr Ivan Sammut u l-kjamata fil-kawza martu Graziella Doreen Sammut ilhom ghaddejjin bil-kawza ta' separazzjoni personali bejniethom fil-kawza bir-rikors guramentat numru 163/17AL fl-ismijiet Dr Ivan Sammut -vs- Graziella Doreen Sammut quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sa mis-7 ta' Lulju, 2017.

Il-kwistjoni kostituzzjonali fil-kawza odjerna ddur mad-dritt ta' access tal-missier Dr Ivan Sammut mal-minuri wliedu Karol, Matthias, Elijah u Mariano-Francesco li mal-prezentata tar-rikors odjern nhar l-20 ta' Frar, 2019 kellhom l-etajiet ta' 12, 8, 6 u 4 snin rispettivament . L-attur jsostni li huwa ntavola l' fuq minn ghoxrin (20) rikors kollha relatati mal-access u/jew mal-minuri wliedu. Isostni wkoll li ghalkemm inghataw diversi digrieti mill-Qorti tal-Familja, fejn din laqghet it-talbiet tar-rikorrent ghal access ma' wliedu minuri jinsisti l-istess access qatt ma kien wiehed effettiv, ghaliex l-omm dejjem ghamlet minn kollox sabiex l-access ma jsehhx. L-attur jilmenta li min-naha tal-Istat mhux isir bizzejjed sabiex l-access tal-minuri mieghu jkun wiehed effettiv peress li l-Qorti tal-Familja qed thalli li ssir aljenazzjoni totali tal-missier fuq it-tfal da parti tal-omm. Jinsisti li l-istess Qorti ma qed taghmel xejn sabiex tindirizza din is-sitwazzjoni, bil-kuntrarju semghet lit-tfal minghajr il-konoxxenza tieghu biex a bazi tax-xiehda taghhom issospendiet l-access. L-attur jishaq li huwa d-dmir tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea li tidentifika r-ragunijiet wara tali resistenza u li jigu ndirizzati kif necessarju, madanakollu dejjem skont ir-rikorrent l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) naqset f'dan id-dmir bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-attur jilmenta wkoll minn vjolazzjoni lampanti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta l-Qorti skont hu (i) ma hadet l-ebda passi sabiex tizgura li d-digrieti ta' access jigu effetwati, (ii) injorat talba tal-missier sabiex jinstema' fuq rikors tieghu sabiex jiehu l-kura u l-kustodja jew tinhareg Care Order fir-rigward tal-minuri, liema talba jsostni li saret sabiex jigu protetti l-istat mentali tat-tfal, u finalment (iii) semghet lit-tfal fis-sigrieta minghajr ma giet traskritta x-xiehda taghhom, minghajr ma gie nfurmat b'dak li qalu u ghaddiet sabiex tat digriet ghas-sospensjoni tal-access minghajr ma nghatat raguni valida. Dan kollu skont ir-rikorrent jikkostitwixxi ksur tad-dritt ghal-smigh xieraq mhux biss ta' access effettiv ghall-Qorti u nuqqas ta' applikazzjoni tal-principju ta' *audi alteram parte*, izda wkoll fir-rigward ta' ugwaljanza tal-armi.

Illi da parti tieghu l-Avukat Generali llum Avukat tal-Istat eccepixxa li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghal diversi ragunijiet kif isegwu. In linea preliminari eccepixxa li r-rikorrent abbuza mill-process kostituzzjonali stante li kellu a disposizzjoni tieghu rimedju ordinarju sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu. Fil-mertu, fir-rigward il-ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea sahaq illi ghalkemm dan l-artikolu jipprovdi li kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu, fejn jikkoncernaw minuri hija l-prassi li l-ewwel u qabel kollox l-Qrati jiehdu l-ahjar interess tal-minuri. Kompla illi anke jekk kellu jigi meqjus li hemm interferenza ta' dan id-dritt dan huwa salvagwardjat bit-tieni paragrafu ta' l-istess Artikolu 8 kwantu hija ntiza ghall-ghan legittimu u mehtiega f'socjeta' demokratika. L-intimat Avukat Generali sostna wkoll li fil-kunsiderazzjoni tal-allegazzjoni tar-rikorrent filwaqt li l-interessi tal-minuri ghandu jinzammu bhala kunsiderazzjoni

primarja, jrid jigi nvestigat jekk fid-decizjonijiet *pendente lite* l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) zammitx dak il-bilanc gust bejn l-interess kunfliggenti tal-genituri.

Illi mill-banda l-ohra fir-rigward il-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-Avukat Generali sostna li l-restrizzjonijiet u limitazzjonijiet ta' access effettiv ghall-Qorti huma permissibbli u mhux lezivi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Sahaq illi mir-rikors promotur minn imkien ma gie mfisser kif fil-prattika l-access ghall-Qorti kien limitat. A kuntrarju jidher li r-rikorrenti pprezenta diversi rikorsi quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn ghamel it-talbiet tieghu u ghalhekk ma kellu l-ebda impediment sabiex jadixxi l-Qorti. Insista li l-Qorti moghnija b'setgha kostituzzjonali m'ghandiex tinbidel f'qorti tat-tielet jew raba' grad u proprju f'dan il-kaz ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali meta dan m'huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Dwar il-principju tal-*audi alteram partem* sostna li dan il-principju ma jfissirx li parti bilfors trid tinstema bil-fomm pero' li parti tinghata l-opportunita' li tressaq il-kaz taghha. Fir-rigward il-principju tal-*equality of arms* jsostni li dan jimplika li kull parti jkollha l-opportunita' ragjonevoli li tipprezenta l-kaz u l-provi taghha taht kundizzjoni li l-parti l-ohra ma titqieghedx taht zvantagg. Il-fatt li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) semghet lit-tfal fis-sigrieta minghajr ma giet traskritta x-xhieda ma twassalx fi ksur tal-principju tal-*equality of arms*.

Illi da parti tal-kjamata fil-kawza Graziella Doreen Sammut hi preliminarjament eccepiet l-irritwalita' tal-proceduri stante li l-attur Ivan Sammut m'huwiex awtorizzat sabiex iressaq proceduri f'isem it-tfal minuri tieghu. Preliminarjament eccepiet ukoll li t-

talbiet ghandhom jigu respinti stante li r-rikorrent m'ezawriex ir-rimedji ordinarji lilu moghtija bil-ligi. Fil-mertu u fir-rigward il-ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ssostni li r-rikorrent qed jara kif jaghmel sabiex lill-Qorti Kostituzzjonali jtiha funzjoni ta' Qorti ta' Revizjoni fuq dak li ghamlet il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Kull Qorti mmaterjalment hijiex Qorti tal-Familja jew Qorti Kostituzzjonali ghandha l-obbligu li tara l'fejn imur il-bilanc bejn l-interess tal-minuri. Dwar l-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta sahqet li b'harsa fuq fuq lejn il-process tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jirrizulta li mhux minnu li l-Qorti cahdet mis-smigh xieraq b'tali mod li l-principju tal-*audi alteram partem* gie ppregudikat.

**<u>L-Ewwel eccezzjoni preliminari tal-kjamata fil-kawza Graziella Doreen Sammut:</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni taghha, l-kjamata fil-kawza Graziella Doreen Sammut eccepiet l-irritwalita' tal-proceduri in kwantu r-rikorrenti Dr Ivan Sammut m'huwiex awtorizzat sabiex iressaq il-proceduri odjerni f'isem it-tfal minuri tieghu.

Mill-atti jirrizulta li l-kura u kustodja tat-tfal minuri Karol, Matthias, Elijah u Mariano-Francesco hija fdata f'idejn l-omm il-konvenuta Graziella Doreen Sammut. Jirrizulta wkoll li l-ebda awtorizzazzjoni ma ngabet mill-attur Dr Ivan Sammut sabiex huwa jistitwixxi l-kawza ukoll f'isem uliedu minuri. Illi izda tenut kont tac-cirkustanzi tal-kaz odjern l-Qorti tqis li l-fatt wahdu li Dr Ivan Sammut intavola proceduri u mieghu bhala parti nkluda lil uliedu minuri, ma twassalx sabiex il-proceduri jigu dikjarati monki. Il-Qorti rat li fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2019 fuq talba ta' Dr Victoria Buttigieg ghall-Avukat Generali din il-Qorti kif

diversament preseduta permezz ta' digriet moghti dakinhar stess seduta stante nnominat lil Dr Stephanie Galea bhala l-Avukat tat-tfal sabiex tidher f'dawn l-atti in rapprezentanza taghhom (ara verbal a fol. 30 tal-process). Jirrizulta ghalhekk li sa minn dak il-hin l-interess tal-wlied minuri gew ikkawtelati billi nhatret Dr Stephanie Galea. Tenut kont ukoll li fil-kawza odjerna fi kwalunkwe kaz din il-Qorti hija dejjem tenuta li thares l-ewwel u qabel kollox l-interessi supremi tal-minuri u wkoll stante li l-kawza odjerna titratta allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem tar-rikorrent Dr. Sammut u mhux tal-minuri per se, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara din l-eccezzjoni preliminari bhala f'dan l-istadju sorvolata.

**<u>L-Ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali, u t-Tieni eccezzjoni preliminari tal-kjamata fil-kawza Graziella Doreen Sammut – Li rimedji ordinarji ma gewx ezawriti:</u>**

Illi kemm l-Avukat Generali kif ukoll il-kjamata fil-kawza qajjmu eccezzjoni preliminari li l-attur Ivan Sammut ma ezawriex ir-rimedji ordinarji. Skont l-Avukat Generali r-rikorrent kellu rimedju tramite talba ghall-varjazzjoni tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kif ukoll azzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex jattakka d-digriet. Mill-banda l-ohra l-kjamata fil-kawza espandiet billi sostniet li d-digriet tas-sospensjoni tal-access tal-missier mal-minuri kien wiehed temporanju, u ghalhekk kien jonqos is-sentenza finali minn dik il-Qorti f'liema kaz, f'nuqqas ta' qbil mas-sentenza finali kien hemm imbaghad il-procedura tal-appell.

Illi l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jitratta t-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi jiddisponi li kull persuna li tallega ksur jew prospett ta' ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet u libertajiet

fundamentali tal-Bniedem ghandu jitlob rimedju lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. L-aktar parti rilevanti tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta taqra kif isegwi:

'(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.

(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-

imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.'

Illi dwar l-ezawriment tar-rimedji ordinarji fis-sentenza fl-ismijiet **Elvia Scerri et -vs- Awtorita' tad-Djar et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' April, 2018 inghad:

'31. Illi huwa risaput li bil-*provisos* ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, il-Legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim' Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha biex, min-naha l-wahda ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali jew taht il-Kap. 319, inutilment, izda min-naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew taht il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni, dawn jigu hekk ezaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha. Indubitament, il-*provisos* marbutin maz-zewg Artikoli appena msemmija ma humiex intizi biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta` li tiehu konjizzjoni ta' ilmenti ta' natura kostituzzjonali, izda mill-perspettiva l-ohra wiehed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji adegwati u effettivi, il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali ghandha l-fakolta` tidderigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-Artikoli

> kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikat izda dejjem mehud kont tal-gravita` tal-lezjoni lamentata l-konsegwenzi ghall-applikant tal-istess lezjoni u l-interess aktar generali tal-pubbliku filli tigi kjarifikata l-pozizzjoni kostituzzjonali.'

Illi l-intimat Avukat Generali u l-intimata Graziella Sammut fl-eccezzjonijiet taghhom jittentaw jargumentaw li l-ilment tar-rikorrent Ivan Sammut idur unikament mal-attakk tad-digriet tas-sospensjoni tal-access tieghu minn mal-minuri wliedu. Madanakollu minn harsa lejn il-premessi u t-talbiet jirrizulta li l-ilment tal-attur jmur oltre minn hekk u tista' tghid qed jilmenta mit-tmexxija kollha tal-procedura quddiem il-Qorti tal-Familja fl-assjem taghha u mhux biss minn digriet partikolari. Jidher bic-car li l-attur jilmenta minn ksur ghar-rispett lejn il-hajja familjari peress li allegatament gie lez konsegwenza tad-decizjonijiet u allegat nuqqas ta' azzjoni da parti tal-Onorabbli Qorti tal-Familja. Jilmenta wkoll minn vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fejn jallega li bl-azzjonijiet taghha l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ippekkat partikolarment fl-adezjoni tal-principju tal-*audi alteram partem* u fil-principju tal-*equality of arms*.

Illi din il-Qorti tqis li l-ilmenti kif esposti fir-rikors promotur odjern jmorru oltre mir-rimedji li tista taghti l-Qorti tal-Familja fil-gurisdizzjoni partikolari taghha u ghalhekk minghajr pregudizzju ghall-mertu tar-rikors odjern l-Qorti tqis li dawn l-ilmenti jimmeritaw li jigu nvestigati mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u li ghalhekk ghandha l-kompetenza li titratta l-istess. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dawn l-eccezzjonijiet preliminari.

**Allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea – Dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja:**

Illi r-rikorrent Ivan Sammut jilmenta minn ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u jishaq li skont gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dan l-Artikolu jigbor fih it-tgawdija reciproka ta' genitur u t-tfal tal-kumpanija ta' xulxin. Jishaq li l-Istat ghandu obbligazzjoni pozittiva li jfittex ir-riunifikazzjoni kemm jista jkun ta' familja u jaghmel dak kollu necessarju sabiex ir-rabtiet familjari ma jigux imkissrin. L-attur jilmenta mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li mhux taghmel bizzejjed sabiex tizgura li l-access tal-minuri ghal missier ikun wiehed effettiv u qed thalli li ssehh aljenazzjoni totali tal-missier mit-tfal da parti tal-intimata ommhom Graziella Doreen Sammut. Jishaq li l-intimata qed ixxewwex lit-tfal minuri kontra l-missier u timlilhom rashom bi hsibijiet negattivi fuqu tant li gew 'brainwashed' u li l-Qorti ma qieghda taghmel xejn sabiex tindirizza din is-sitwazzjoni. Huwa jaghmel referenza ghal diversi okkazjonijiet fejn skont hu l-omm agixxitiet b'dan il-mod.

Da parti tal-intimat Avukat Generali dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa sostna li ghalkemm hu minnu li dan l-artikolu tal-konvenzjoni jikkontempla r-rispett tal-hajja privata u tal-familja, hija l-prassi tal-Qrati li l-ewwel u qabel kollox jittiehed l-interess suprem tat-tfal minuri. Jishaq li anke jekk kellu jigi meqjus li kien hemm interferenza fil-hajja familjari dan kien salvagwardjat permezz tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa jsostni li meta jkun hemm limitazzjoni fuq access ta' genitur ghall-minuri inevitabilment dan igib xi tip ta' interferenza madanakollu dan ma jsarrafx fi vjolazzjoni tal-Artikolu 8 proprju ghaliex tali mizuri kienu ntizi sabiex jiggarantixxu r-rispett lejn il-hajja, d-dinjita', il-kura u l-

protezzjoni tal-minuri. L-Avukat Generali jsostni li dak li ghandu jigi kkunsidrat huwa jekk filwaqt li l-interess tal-minuri nzammu bhala kunsiderazzjoni primarja, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-decizjonijiet taghha *pendente lite* zammitx bilanc gust bejn l-interessi kunfliggenti tal-genituri.

Illi da parti taghha l-intimata laqghet ghal din l-allegazzjoni dwar lezjoni ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea billi ssostni li mhux minnu li saret tali vjolazzjoni. Il-konvenuta sahqet li l-attur ma qabilx mad-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u ghalhekk issa qed jara kif jaghmel sabiex din il-Qorti fil-kompetenza taghha Kostituzzjonali jaghmilha f'forma ta' Qorti ta' Revizjoni. Sostniet li l-verita' hija li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) qieset, gharblet, stenniet, inkarigat esperti u semghet hi nnifisha lill-minuri u fehmet korrettement li fl-ahjar interess tal-minuri ma kellhomx izommu kuntatt ma' missierhom.

Illi l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi kif isegwi:

> '1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.
> 2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.'

Illi minn ezami ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewropea jirrizulta li dik il-Qorti fl-ezami taghha jekk ikunx sehh ksur tal-Artikolu 8, hija

tinvestiga l-operat tal-awtoritajiet nazzjonali partikolarment jekk ikunux hadu l-azzjonijiet kollha necessarji u f'waqthom sabiex jigi nfurzat id-dritt ta' access bl-ghan li jkun hemm il-godiment u tigi nstawrata relazzjoni tal-genitur mal-ulied.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropea nhar is-6 ta' Dicembru, 2011 bl-applikazzjoni numru 16192/06 fl-ismijiet **Cengiz Kiliç -vs- Turkey**:

> **'126. The decisive point in the present case is therefore whether the national authorities took all the measures which could reasonably be required of them in the context of the proceedings which had as their object the exercise of the right of custody and visit and aimed at the applicant's reunion with his son.**
>
> **127. The Court observes that, according to the documents contained in the file, throughout the two divorce proceedings, in particular between October 2005 and December 2008, the applicant made requests, no less than ten times, for the maintenance of his personal relations with his son or informing the court that his right of access had been hindered by the mother of the child.**
>
> In addition, it notes that the applicant remained without contact, or in very limited contact, with his child for periods of up to two years.
>
> 128. It also notes that the psychological expertise of the parents and the child was not requested until September 2008 and that the corresponding reports were submitted in December 2008, namely more than seven years after the

couple separated. and the first petition for divorce filed by the applicant, together with an application for the granting of parental authority.

129. It notes in this regard that, according to the experts' reports (see paragraph 55 above), the lapse of time without adequate contact between the applicant and his son played a decisive role in the attitude of rejection that the latter manifested vis-à-vis his father.

130. While admitting that the situations of non-performance encountered in matters of parental authority and visitation and custody rights are particularly difficult to resolve through the courts, the Court notes the absence, in the file, of elements indicating that the family court judge has made efforts to reconcile the parties in their respective claims or that he has taken measures to facilitate the voluntary execution of court decisions.

It must be noted that the common law of enforcement, as applied in the present case, is hardly suitable for resolving the type of breach encountered in the area of the right to family life.' (enfazi tal-Qorti)

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Aneva and Others -vs- Bulgaria** deciza fis-6 ta' April, 2017 kif isegwi:

'116. The Court reiterates that it is not its role to substitute itself for the national authorities in the assessment of what specific measures were necessary to be undertaken in the circumstances, given that those authorities are in principle

better placed to take such decisions (see *Stanková v. Slovakia*, no. 7205/02, § 59, 9 October 2007). Admittedly, a number of authorities and officials were involved to varying degrees and with varying intensity in facilitating or attempting to ensure the applicants could meet their children at various times. However, those measures have not brought about the return of the children to the first and third applicants, nor have they led to the re-establishment of any kind of meaningful contact between them and the children with a view to rebuilding the relationships. The parties at fault, the other parent refusing to follow a final judicial decision in each case, have remained largely unconstrained, which has allowed them to persist in their obstruction of all related efforts. **The relevant authorities, faced with such obstruction, did not ensure that timely and suitable preparatory measures were put in place and carried through (see, similarly, *Zavřel v. the Czech Republic*, no. 14044/05, § 52, 18 January 2007, and, to the contrary, *Krasicki v. Poland*, no. 17254/11, § 93). Consequently, having regard to the foregoing and notwithstanding the respondent State's margin of appreciation in the matter, the Court finds that the authorities failed effectively to pursue adequate and timely actions to enforce the first and third applicants' right to the return of their children, and the second applicant's right to the enjoyment of a meaningful relationship with his mother.**' (enfazi tal-Qorti)

Illi għalkemm l-atti tal-kawża bir-rikors ġuramentat numru 163/17AL fl-ismijiet Dr Ivan Sammut -vs- Graziella Doreen Sammut ma ġewx allegati mal-atti tal-kawża odjerna, jirriżulta li ammont konsiderevoli ta' atti nseriti fl-istess ġew ipprezentati fil-

kawza odjerna permezz ta' noti. Ghalhekk il-Qorti ser tinvestiga l-atti kollha pprezentati sabiex taghmel l-ezami suespost u cioe' dwar jekk effettivament il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) haditx il-mizuri kollha necessarji fil-hin adegwat sabiex id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u l-familja tar-rikorrent odjern jigi salvagwardjat dejjem tenut kont ukoll l-interess suprem tal-minuri f'dawn ic-cirkustanzi.

<u>Rapporti:</u>

1. Kopja ta' rapport mhux datat anness ma' nota tal-31 ta' Awwissu, 2017 a fol. 9 *et seq* tal-process minn fejn in sintezi gie konkluz is-segwenti:

a. Access taz-zewg minuri l-kbar jigi sospiz u jibdew jattendu family therapy sessions ma' missierhom.

b. L-access tal-minuri z-zghar jibda jsir darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn u fir-residenza tal-missier.

c. L-omm tibda tikkopera aktar mas-social worker biex tkun tista tinbena relazzjoni ta' fiducja.

2. Kopja ta' rapport mhux datat anness ma' nota tal-5 ta' Ottubru, 2017 a fol. 12 *et seq* tal-process. Ir-rapport kien jitratta l-andament tal-access minn fejn jirrizulta illi '*Jidher li minflok, il-minuri dahlu komplici ma' genitur kontra l-iehor. Il-minuri qed jaraw din is-sitwazzjoni bhala loghba minghajr ma jifhmu l-konsegwenzi tal-imgieba taghhom fuq persuni ohra.*' Is-social workers irrakkomandaw illi:

'…iz-zewg genituri jattendu terapija separatament mill-aktar fiss possibli biex ikunu jistghu jghinu u jissoportjaw lill-minuri. Qed jigi rrakomandat ukoll parental skills ghaz-zewg genituri.'

3. Kopja ta' rapport mhux datat li gie pprezentat minn Charmain Zerafa fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2019 fejn inghataw in sintezi s-segwenti rakkomandazzjonijiet:

a. L-access tal-minuri jibda jsir matul il-gimgha fejn il-missier jigbor lill-minuri z-zghar mill-iskola u jzommom sas-7.30pm flok nhar ta' Sibt. Jekk jirrizulta li l-access mexa sew jizdied ghal darbtejn.

b. L-access tal-minuri t-tnejn il-kbar ghandu jigi sospiz u gie rakkomandat li jsir access b'supervizjoni ta' nofs siegha darba fil-gimgha fil-bini tal-iskola.

4. Kopja ta' rapport tal-Perit Psikologa Carmen Sammut li giet nominata fil-kawza bir-rikors guramentat numru 163/17 fl-ismijiet Dr Ivan Sammut -vs- Graziella Doreen Sammut a fol. 145 *et seq* tal-process fejn ikkonkludiet illi bhala psikologa klinika hija kellha t-thassib dwar l-istat psikologiku taz-zewg partijiet stante li t-tnejn irrapportaw diffikultajiet kemm fiz-zwieg taghhom, kif ukoll, fil-qadi tal-rwol taghhom bhala genituri, mill-bidu taz-zwieg taghhom. Sostniet li ta' thassib ukoll huwa li l-partijiet ma jidhrux konxji u jiehdu l-posizzjoni li t-tort huwa dejjem tal-parti l-ohra. Iddikjarat li l-istat psikologiku tat-tfal huwa nkwetanti hafna.

5. Kopja ta' rapport tal-Perita Psikologa Carmen Sammut intavolat nhar it-13 ta' Awwissu, 2018 fil-kawza bir-rikors

guramentat numru 163/17 fl-ismijiet Dr Ivan Sammut -vs- Graziella Doreen Sammut a fol. 150 *et eq* tal-process fejn ghamlet xi testijiet psikologici kemm tal-attur Ivan Sammut u tal-konvenuta Graziella Sammut.

6. Kopja ta' rapport ta' Claire Francica ntavolat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) f'data sussegwenti ghall-intavolar tal-kawza odjerna u li jgib id-data tal-10 ta' April, 2019 a fol. 177 tal-process fejn fost affarijiet ohra gie ssuggeriet pjan ta' azzjoni waqt 10-*day Temporary Change of Residence* sabiex il-minuri z-zghar Elijah u Mariano Sammut jmorru jghixu fir-residenza tal-missier.

7. Kopja ta' rapport mhux datat anness ma' nota tat-28 ta' Jannar, 2019 a fol. 16 *et seq* tal-process fejn s-social workers b'referenza ghad-digriet ta' revoka tal-access tal-missier Dr Ivan Sammut tas-6 ta' Dicembru, 2018 ressqu r-rakkomandazzjonijiet taghhom fejn in sintezi kienu s-segwenti:

a. Fl-ewwel lok, s-social workers urew l-inkwiet taghhom jekk il-minuri jithallew sitt (6) xhur minghajr ma jiltaqghu ma' missierhom fejn sitwazzjoni simili ser twassal ghal aktar diffikulta` sabiex jerga` jigi instawrat xi tip ta' access bejn il-minuri u l-missier.

b. Fit-tieni lok, irrilevaw li fil-kaz odjern gja kien hemm element ta' aljenazzjoni tal-genitur u nuqqas ta' access ser iwassal ghall-aljenazzjoni kompluta.

c. Fit-tielet lok, l-agenzija Appogg sahqet li m'ghandha l-ebda interess lejn xi parti madanakollu ghamlet is-sottomissjonijiet b'tentattiv li ssalva r-relazzjoni tal-

missier mal-ulied. Is-social workers iddikjaraw li ma jemmnux li nuqqas ta' kuntratt mal-missier hija l-ahjar soluzzjoni.

8. Kopja ta' nota pprezentata fil-21 ta' Mejju, 2020 minn Dottoressa Veronica Ellul Federici u Dr Valentina Bezzina a fol. 442 *et seq* tal-process fejn fost affarijiet ohra kkonkludew li mill-investigazzjoni li huma ghamlu l-kaz odjern huwa kaz ta' parental alienation.

<u>Rikorsi, Risposti, Digrieti u Verbali tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja)</u>

1. Kopja tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 30 ta' Mejju, 2017 a fol. 301 tal-process fejn permezz tieghu tat provvediment dwar l-access tal-missier mal-minuri wliedu;

2. Kopja tal-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 22 ta' Novembru, 2017 a fol. 303 tal-process fejn permezz tieghu l-Qorti varjat l-access tal-missier mal-minuri;

3. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fl-14 ta' Marzu, 2018, tar-risposta ta' Graziella Doreen Sammut ntavolata fid-9 ta' April, 2018 u tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 10 ta' April, 2018 a fol. 305 *et seq* tal-process fejn rega' gie varjat l-access tal-minuri;

4. Kopja ta' rikors ta' Graziella Doreen Sammut intavolat fit-18 ta' April, 2018, tar-risposta ta' Dr Ivan Sammut intavolata fis-26 ta' April, 2018 u tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 1 ta' Mejju, 2018 a fol. 311 *et seq* tal-process fejn it-talbiet relatati mal-

varjazzjoni *contrario imperio* tad-digriet tal-Qorti tal-10 ta' April, 2018 gew michuda;

5. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fl-24 ta' Mejju, 2018, tar-risposta ta' Graziella Doreen Sammut intavolata fis-6 ta' Gunju, 2018 u tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 12 ta' Gunju, 2018 a fol. 318 *et seq* tal-process fejn il-Qorti ordnat li l-minuri jibdew it-terapija;

6. Kopja ta' rikors b'urgenza ta' Graziella Doreen Sammut intavolat fit-28 ta' Mejju, 2018, tar-risposta ta' Dr Ivan Sammut intavolata fit-13 ta' Gunju, 2018 u tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 14 ta' Gunju, 2018 a fol. 325 *et seq* tal-process fejn il-Qorti ddekretat li fl-interess tal-minuri u fuq r-rapport tal-Agenzija Appogg l-Qorti zammet ferm id-digriet tat-12 ta' Gunju, 2018;

7. Kopja ta' rikors b'urgenza ta' Dr Ivan Sammut intavolat fit-18 ta' Gunju, 2018, tar-risposta ta' Graziella Doreen Sammut intavolata fit-2 ta' Lulju, 2018 u tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 4 ta' Lulju, 2018 u tad-digriet tad-19 ta' Lulju, 2018 a fol. 332 *et seq* tal-process fejn il-Qorti varjat l-access tal-missier mal-minuri;

8. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fit-18 ta' Lulju, 2018, tar-risposta ta' Graziella Doreen Sammut intavolata fit-2 ta' Awwissu, 2018 u tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 3 ta' Awwissu, 2018 a fol. 338 *et seq* tal-process fejn gie kkonfermat l-access tal-ulied skont id-digriet tal-10 ta' April, 2018;

9. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fit-28 ta' Awwissu, 2018 fejn intalab li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn il-missier jew alternattivament tinhareg care order, tar-risposta ta'

Graziella Doreen Sammut intavolata fis-6 ta' Novembru, 2018 u tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 7 ta' Novembru, 2018 343 *et seq* tal-process fejn il-Qorti hatret lil Dr Stephanie Galea bhala Avukat tat-Tfal;

10. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fit-23 ta' Novembru, 2018, tar-risposta ta' Graziella Doreen Sammut intavolata fit-6 ta' Dicembru, 2018 u tad-digriet tal-Qorti datat 15 ta' Dicembru, 2018 a fol. 349 *et seq* tal-process fejn il-Qorti cahdet it-talbiet relatati ma' access;

11. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fit-28 ta' Novembru, 2018 fejn intalab lil Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tisma' liz-zewg partijiet fil-qosor u wara tisma' lill-minuri u kopja tad-digriet datat 29 ta' Novembru, 2018 a fol. 355 *et seq* tal-process fejn il-Qorti cahdet it-talba peress li hija kienet ser tisma' lill-minuri fl-4 ta' Dicembru, 2018;

12. Digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 6 ta' Dicembru, 2018 (esebit a fol 14 et seq tal-process) li tista' tghid kien id-digriet li qata' l-linja ghar-rikorrent u wassal ghall-proceduri odjerni u li jaqra kif isegwi:

'Il-Qorti

Rat illi fl-atti ta' din il-kawza saru numru kbir ta' rikorsi dwar l-access tal-missier ghal minuri.

Rat illi l-minuri tkellmu ma' diversi persuni mahtura mill-Qorti u illi saru diversi rapport dwar l-access tal-missier ghal minuri.

Rat illi l-missier stess talab lill-Qorti biex, jekk ikun il-kaz, tohrog "care order" fir-rigward tal-erba' ulied minuri.

Rat illi mhuwiex qieghed isehh access effettiv tal-missier ghal minuri peress li l-minuri qeghdin b'xi mod jew iehor jirresistu l-access.

Hasset il-htiega li tkellem hi stess lill-ulied minuri, hlief ghaz-zghir li ghandu biss madwar erba' snin.

Semghet lit-tlett minuri ohra fis-sigrieta taghha, fil-prezenza tad-Deputat Registratur taghha, fl-4 ta' Dicembru 2018.

Kellmet lill-minuri fit tul u tathom l-opportunita' li jghidulha dak kollu li qed ihossu u li jixtiequ li jsir dwar l-acess ma' missierhom.

Wara li rriflettiet fit-tul u qieset sew il-hsibijiet, xewqat u l-**<u>interess suprem tal-minuri;</u>**

Tirrevoka *"contrario imperio"* id-digrieti kollha li tat dwar l-access tal-ulied minuri kollha ghall-missierhom;

Tissospendi kull tip ta' access tal-minuri ghall-missierhom sakemm ma jkunux l-istess ulied minuri li jkunu jridu access ma' missierhom.

Din l-ordni tal-Qorti tibqa fis-sehh sas-6 ta' Gunju 2019, wara liema data il-qorti terga tisma lill-ulied minuri u tara jekk ikunx hemm possibilita' ta' access mill-gdid tal-missier ghal-minuri dejjem fl-**<u>interess suprem tal-istess minuri.'</u>**

13. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fil-15 ta' Jannar, 2019 fejn talab li jinghata kopja tad-deposizzjoni moghtija mit-tfal quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), risposta ta' Graziella Sammut intavolata nhar id-29 ta' Jannar, 2019 u kopja tad-digriet datat 29 ta' Jannar, 2019 a fol. 357 *et seq* tal-process fejn il-Qorti irriservat li tipprovdi fi stadju opportun.

14. Kopja ta' risposta ta' Dr Ivan Sammut wara r-rapport tal-Agenzija Appogg intavolata nhar l-1 ta' Frar, 2019 u kopja tad-digriet datat 15 ta' Frar, 2019 a fol. 362 *et seq* tal-process fejn il-Qorti ordnat li l-minuri wahidhom ghandhom jattendu ghand il-psikologa Claire Francica sabiex tirrelata lill-Qorti jekk il-minuri jistghux jibbenifikaw minn xi tip ta' terapija, u, jekk hux possibli minghajr ma ssirilhom hsara ta' natura psikologika jistghux ikollhom access ghal missierhom.

15. Kopja ta' rikors ta' Graziella Sammut intavolat fis-7 ta' Mejju, 2019, kopja tan-nota ta' Graziella Doreen Sammut intavolata fl-4 ta' Gunju, 2019, kopja tar-risposta ta' Dr Ivan Sammut intavolata fl-24 ta' Gunju, 2019 u kopja tad-digriet tal-Qorti datat 26 ta' Gunju, 2019 a fol. 364 *et seq* tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba sabiex l-omm issiefer mal-minuri.

16. Kopja ta' nota ta' Dr Ivan Sammut intavolata fil-24 ta' April, 2019 fejn informa lil Qorti li huwa jaqbel mal-kontenut tar-rapport ta' Claire Francica, tar-risposta ta' Graziella Sammut intavolata fit-3 ta' Mejju, 2019 u tad-digriet tal-Qorti datat 6 ta' Mejju, 2019 a fol. 368 *et seq* tal-process fejn permezz tieghu dik il-Qorti ddikjarat li hadet konjizzjoni tad-digriet 'interim' moghti minn dik il-Qorti kif diversament preseduta u ddekretat li stante li d-digriet 'interim' jikkuntrastja sew mad-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' April, 2019

u ghalhekk il-partijiet jridu jsegwu d-digriet *ad interim* li nghata fis-16 ta' April, 2019.

17. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fl-10 ta' Mejju, 2019 fejn talab lill-Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* d-digiet tas-6 ta' Mejju, 2019, kopja tar-risposta ta' Graziella Doreen Sammut intavolata fit-22 ta' Mejju, 2019 u tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 27 ta' Mejju, 2019 a fol. 378 *et seq* tal-process fejn il-Qorti cahdet it-talba.

18. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fl-10 ta' Gunju, 2019 fejn talab lill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex tordna lil Dr Chaire Francica biex tixhed, tar-risposta ta' Graziella Sammut intavolata fid-19 ta' Gunju, 2019 u tad-digriet tal-Qorti datat 21 ta' Gunju, 2019 a fol. 382 *et seq* tal-process fejn il-Qorti cahdet it-talba.

19. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fl-24 ta' Gunju, 2019 fejn talab lill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex taghmel pjan ta' access u reapprochment mal-missier, tar-risposta ta' Graziella Doreen Sammut intavolata fl-10 ta' Lulju, 2019 u tad-digriet tal-Qorti datat 12 ta' Lulju, 2019 a fol. 388 *et seq* tal-process fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi wara s-seduta tal-1 ta' Awwissu, 2019.

20. Kopja tal-verbal tas-seduta tal-1 ta' Awwissu, 2019 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) a fol. 416 *et seq* tal-process fejn il-Qorti hatret lil Dr Anton Grech bhala espert psikjatra sabiex jezamina liz-zewg partijiet separatament u tirrelata lura lill-Qorti jekk jaqbilx li saret parental alienation u parental estrangement minn xi hadd mill-genituri jew nanniet paterni jew materni kif diga rrizulta mir-rapport ta' Bernard Caruana. Gie ordnat ukoll li tinbeda terapija fuq l-ulied minuri kollha minn Bernard Caruana u

Dr Anna Cassar. Fl-istess seduta gie stabbilit li l-Qorti ma tistax tistrih fuq ir-rapporti ta' Dr Francica stante li m'ghandiex il-warrant sabiex tippratika Malta. Gie ordnat ukoll access supervizjonat mill-agenzija appogg bejn l-attur u l-minuri z-zghar.

21. Kopja ta' rikors ta' Dr Ivan Sammut intavolat fis-26 ta' Settembru, 2019 fejn talab li l-kura, l-kustodja u l-affidament tal-minuri jigu fdati f'idejh bl-assistenza ta' esperti u tal-Agenzija Appogg, kopja tar-risposta ta' Graziella Doreen Sammut intavolata fid-9 ta' Ottubru, 2019 u tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 10 ta' Ottubru, 2019 a fol. 419 *et seq* tal-process fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa r-rapporti, rikorsi, risposti, verbali u digrieti tal-kawza bir-rikors guramentat numru 163/17AL fl-ismijiet Dr Ivan Sammut -vs- Graziella Doreen Sammut ipprezentati fil-kawza odjerna, tirrileva li l-irwol tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) qatt ma huwa wiehed facli u fil-kaz odjern evidentement jidher li kien u ghadu rwol ferm difficli. Dan qieghed jinghad ghaliex filwaqt li dik il-Qorti riedet izzomm fuq quddiem l-interess suprem tal-minuri, mill-banda l-ohra, kellha sitwazzjoni ferm gravi bejn il-partijiet fejn minn naha kellek missier li qed jaghmel rikors fuq rikors sabiex jara lil uliedu filwaqt li l-omm dehret car sa mill-bidu li xejn ma kienet qed tikkollabora sabiex ikun hemm access b'success bejn il-minuri u l-missier. Il-Qorti rat li ghalkemm il-partijiet ilhom iktar minn tlett (3) snin separati *de facto*, jirrizulta bic-car li ghad hemm hafna kwistjonijiet personali bejniethom li baqghu mhux rizolti. Fil-frattemp il-minuri spiccaw jizzeffnu fin-nofs minghajr ma l-genituri jirrealizzaw il-hsara kbira li saret lill-istess minuri. Dan mhux qed tghidu biss din il-Qorti izda huwa kkonfermat minn diversi esperti li gew nominati kemm mill-Qorti odjerna, kif ukoll

mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Fil-fatt il-Qorti tinnota r-rakomandazzjonijiet tista' tghid komuni fir-rapporti kollha li apparti terapija lill-ulied minuri, l-ewwel u qabel kollox kellhom ikunu l-istess partijiet konjugi Sammut li jattendu ghal terapija bhala bazi sabiex konsegwentement ikun hemm tentattivi sabiex il-minuri jergghu jibdew jaraw lir-rikorrent bhala missierhom u jergghu javvicinaw lejh.

Dan premess il-Qorti izda ma tistax ma tinnutax li fil-maggorparti tar-rapporti sahansitra mir-rapport li jmur lura ghall-31 ta' Awissu, 2017 sa minn dak iz-zmien bdiet issir referenza konsistenti ghan-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti tal-omm ghal dak li hu access jew ahjar dik hekk imsejjha *parental alienation* li kienet u qieghda ssir da parti tal-konvenuta Graziella Doreen Sammut fuq l-ulied minuri Karol, Matthias, Elijah u Mariano-Francesco, liema agir jidher li bieghed ghal kollox lill-minuri minn missierhom ir-rikorrent. Dwar dan il-Qorti tqis li ghandha taghmel referenza partikolari ghal xi ezempji li jirrizultaw mill-atti fosthom fir-rapport ta' Carmen Sammut li giet nominata mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fejn fir-rapport taghha a fol. 145 *et seq* tal-process taghti deskrizzjoni ta' x'gara waqt seduta fil-presenza taghha:

> 'Hija tajba li jkun hemm access mal-missier ghaz-zewg minuri zghar minghajr huthom il-kbar ghax huwa ovvju l-influwenza li hemm fuq it-tnejn iz-zghar, meta Mariano sa beda jghid li missieru tefghu minn fuq il-bejt ghal isfel, u l-ohrajn jidhqu meta jghid hekk. L-omm ukoll semghatu jghid hekk u ghal-ewwel ma qalet xejn hlief tbissmet biss f'laqgha ohra dehret li hasbet ftit dwar dan kif jista' jidher ma' nies li jisimghuh u giet tispjega li Mariano kien qed ifisser affarijiet ohra.'

Issir referenza wkoll ghar-rapport tal-assistenti socjali Charmaine Zerafa u Andreana Gellel a fol. 44 *et seq* tal-process liema rapport mhux datat pero' referenza fih issir ghad-digriet tas-17 ta' Awwissu, 2018. L-assistenti socjali wkoll jirreferu ghall-imgieba tal-omm fejn sostnew li:

> '…Minkejja li l-omm meta titkellem tghid li qeghda tinkwieta meta jaharbu l-minuri qabel l-access, fl-istess hin bl-imgieba u fil-kliem taghha turi li drat li l-minuri ikunu ser jaharbu u donnha ma taghmel xejn biex twaqqaf dan.'

Din il-*parental alienation* dehret ukoll bic-car mill-access li gie ffissat fil-25 ta' April, 2019 fil-bini tal-Agenzija Appogg liema access gie ffissat wara d-digriet *ad interim* tas-16 ta' April, 2019 moghti minn din il-Qorti kif diversament preseduta (ara digriet a fol. 162 *et seq* tal-process). Wara dan l-access, l-Agenzija Appogg ipprezentat nota ntavolata fid-29 ta' April, 2019 a fol. 170 *et seq* tal-process li permezz taghha ghaddiet l-informazzjoni dwar l-andament tal-ewwel access ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta permezz tad-digriet ad interim (ara nota a fol. 171 et seq tal-process):

> 'L-ewwel access b'supervizjoni bejn il-missier u l-minuri Mariano sar il-Hamis, 25 ta' April 2019 fil-bini tal-Agenzija Appogg. L-omm dahlet fil-bini tal-agenzija bil-minuri mghannaq ma' ghonq ommu u mill-mument li dahal beda jtenni li jrid imur lura d-dar. Is-*social worker* prezenti staqsiet lill-omm biex iddahhal lill-minuri fil-kamra fejn kellu jsir l-access, spjegat li l-missier kien ser jistenna barra mill-kamra sakemm il-minuri jikkalma. Minkejja dan, l-omm qalet li l-parti taghha hija kienet ghamlitha; dik li twassal lill-minuri

bil-bini tal-Appogg, u ghalhekk irrifjutat li tidhol aktar il-gewwa ghajr mir-*reception* tal-Agenzija.'

Hi l-fehma tal-Qorti li minn dawn l-okkazzjonijiet jirrizulta bic-car li l-imgieba tal-omm hija wahda mekkanika u mahsuba. Din l-attitudni u mgieba da parti ta' l-omm ma saritx biss f'dan l-access pero' l-Qorti kkonstatat l-istess agir mir-rapporti u d-dokumenti kollha li gew esebiti u dan l-agir imur lura ghal ferm qabel gie ntavolat ir-rikors odjern tant li evidenza tieghu tirrizulta gia minn Awissu, 2017 filwaqt li r-rikors kostituzzjonali odjern gie ntavolat fi Frar 2019.

Illi mill-atti prezentati lil din il-Qorti minn imkien ma jirrizulta li l-Onorabbli Qorti tal-Familja qatt hadet passi konkreti fil-konfront tal-agir tal-omm il-kjamata fil-kawza odjerna Graziella Doreen Sammut. Il-Qorti hi tal-fehma li nonostante l-problemi riskontrati fl-agir tal-minuri u wkoll sabiex jinghad kollox anki da parti tal-missier rikorrent (li kif isostni l-espert nominat mill-Qorti s-Sur Bernard Grech rizultat tal-agir tieghu f'dan il-kaz hemm ukoll aspett ta' 'parental estrangement' [ara fol. 269]), il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) naqset meta malgrad li kien gie lilha ssenjalat diversi drabi li kien hemm alienazzjoni da parte tal-omm u li l-omm assolutament ma kinitx qed tikkollabora sabiex isehh l-access, il-Qorti ma hadet l-ebda passi fil-konfront taghha sabiex l-ordnijiet taghha jigu debitament obduti mill-omm. Dan ifisser ghal din il-Qorti li sfortunatament l-Onorabbli Qorti tal-Familja ma haditx il-mizuri kollha li kienu ragonevolment neccessarji fil-kuntest tal-proceduri li kellha quddiemha u dan huwa agir li skont gurisprudenza tal-Qorti Ewropea gia suesposta jikkwalifika fi ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Dan stante li dan in-nuqqas wassal ghar-rizultat ta' aljenazzjoni assoluta tal-minuri minn mal-missier filwaqt li l-omm baqghet impunita u tista' tghid hadet li

riedet u cioe' li l-missier ma jarax lill-ulied. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li la darba ma ttihdux passi mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex taccerta ruha li l-ordnijiet taghha qed jigu obduti wkoll mill-omm kjamata fil-kawza fir-rikors odjern, dan wassal sabiex kull ordni li kienet qed taghti tista' tghid kienet qed tkun ineffettiva u bla sahha u huwa hawnhekk li din il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni u l-weggha tal-missier meta jara dan kollu jsehh quddiemu u jhossu mpotenti quddiem din is-sitwazzjoni. Huwa evidenti li rizultat ta' nuqqas ta' agir adegwat mill-Onorabbli Qorti tal-Familja (li din il-Qorti terga' temfasizza li ma kellhiex rwol facli fil-kaz in kwistjoni) sehh zbilanc qawwi bejn l-interessi tal-attur u tal-konvenuta, fejn filwaqt li l-konvenuta ma kellha ebda problema ta' access fil-konfront ta' uliedha, l-missier konsegwenza tal-agir tal-konvenuta spicca kompletament eskluz milli jara l-uliedu. Apparti minn hekk l-agir repetittiv tal-omm li baqa' mhux adegwatament sanzjonat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) wassal sabiex ghaddew numru ta' xhur u snin fejn l-agir tal-minuri baqa' jigi influwenzat negattivament fil-konfront tal-missier tant li llum il-gurnata jirrizulta evidenti mid-diversi rapporti li saru li minghajr terapija adegwata l-minuri ma jistghux, illum, jigu sfurzati jaraw lill-missierhom ghaliex tali ordni tkun kontro-produttiva ghall-interessi taghhom u wkoll tal-missier. Fil-fatt din il-Qorti tqis li d-digriet li principalment wassal ghall-kawza odjerna u cioe' dak tas-6 ta' Dicembru, 2018 (esebit a fol. 14 et seq) f'liema digriet il-Qorti tal-Familja hasset li kien wasal punt li kellu jitwaqqaf l-access tal-minuri lejn il-missier kompletament, jidher li kien rizultat tal-fatt li ma ttiehdux mizuri adegwati minn qabel mill-istess Qorti sabiex tikkontrolla l-attitudni ta' nuqqas ta' kooperazzjoni assoluta da parti tal-omm Graziella Sammut. Il-Qorti milli rat fl-atti rat li dan l-agir da parti tal-omm sahansitra sal-lum baqghet ma ttiehdet l-ebda azzjoni fuqu da parti ta' dik il-Qorti fil-konfront tal-omm. Dan nonostante d-diversi twissijiet li

tressqu mill-esperti u l-Agenzija Appogg fil-konfront tal-agir tal-omm lill-Qorti u li jmorru lura kif inghad anki ghal Awwissu, 2017.

Il-Qorti tqis li rizultat ta' nuqqas ta' tehid ta' mizuri ragjonevoli u neccessarji fil-kuntest tal-kaz ta' separazzjoni bejn il-partijiet mill-Qorti tal-Familja, partikolarment rizultat ta' nuqqas ta' sanzjoni tal-agir tal-omm da parti tal-Qorti, llum il-gurnata r-rikorrent odjern sab ruhu f'sitwazzjoni surreali u sproporzjonata fil-konfront tieghu li uliedu jibzghu minnu u ma jridux jafu bih minflok. Dan meta l-ulied suppost qed igawdu dritt ta' access fil-konfront ta' missierhom b'serenita' u l-boghod mid-disgwiti tal-genituri taghhom fis-separazzjoni.

Huwa fis-sens suespost li l-Qorti, tenut kont tal-insenjamenti tal-Qorti Ewropea f'dan ir-rigward, ssib fil-kaz odjern il-ksur tad-drittijiet tar-rikorrent Ivan Sammut fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea cioe' d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja.

**<u>Allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta – Dritt ghall-smigh xieraq:</u>**

Illi r-rikorrent jallega wkoll ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dan meta l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma wettqitx is-segwenti:

1. Ma haditx passi sabiex tizgura li d-digrieti ta' access jigu effettwati;

2. Injorat talba tar-rikorrent sabiex jinghata smigh biex il-Qorti tikkunsidra li jinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri jew sabiex alternattivament tinhareg *care order* fir-rigward tal-minuri bil-ghan li jigu protetti l-istat mentali taghhom stante li jallega li kienu qed isofru vjolenza morali kkagunata minn ommhom;

3. Semghet lit-tfal minuri nonostante li ngieb a konoxxenza taghha l-istat mentali taghhom, fis-sigrieta, minghajr ma giet traskritta x-xiehda taghhom, minghajr ma gie nfurmat x'qalu u sussegwentement ghaddiet sabiex irrevokat l-access minghajr ma nghatat raguni ghal dan.

L-attur jishaq li dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq, mhux biss fir-rigward ta' access effettiv ghal Qorti u nuqqas ta' applikazzjoni tal-principju *audi alteram partem*, izda wkoll ghal principju tal-ugwaljanza tal-armi.

<u>L-ewwel, it-tieni u t-tielet punt:</u>

Illi ghal dak li hu rilevanti ghall-kaz odjern l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jespandi aktar mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Minn qari tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem jirrizulta li l-aktar parti ta' rilevanza ghall-kaz odjern hija s-segwenti:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew

tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippregudika l-interessi tal-ġustizzja.'

Illi r-rikorrent jissottometti li  l-Artikolu 6 sub-artikolu 1 jipprotegi l-implimentazzjoni ta' decizjonijiet finali u jikkwota mill-'Guide on Article 6 of the European Convention of Human Rights – Right to a Fair Trial (Civil Limb). Jikkwota wkoll *ad extensus* mid-decizjoni tal-Qorti Ewropea bl-applikazzjoni numru 78028/01 fl-ismijiet **Pini and Others -vs- Romania** fejn il-Qorti Ewropeja fil-kaz imsemmi kienet sabet ksur tal-Artikolu 6 stante li min-naha tal-awtoritajiet naqsu milli jinforzaw decizjonijiet finali.

Illi kemm fil-Guide on Article 6 of the European Convention of Human Rights, kif ukoll fid-decizjoni Pini and Others -vs- Romania,  ir-referenza ta' infurzar qieghda ssir ghal decizjonijiet finali li mhux il-kaz odjern. Di fatti fil-kwotazzjoni tal-Guide on Article 6 of the European Convention of Human Rights tghid illi '*Article 6 §1 protects the* ***implimentation of final, binding judicial decisions (as distinct from the implementation of decisions which may be subject to review by a higher court)*** *(Ouzounis and Other v. Greece, §21)*.' (enfazi tal-Qorti)

Fid-decizjoni fl-ismijiet Pini and Others -vs- Romania il-Qorti Ewropeja ddikjarat kif isegwi:

'187. The Court agrees with the Government that the use of force to execute the final decisions in question would have been a very delicate matter in the present case. Nevertheless, as the orders for the adoption of the two children have

become final but have not been executed, they have been deprived of their binding force and have remained mere recommendations. Such a situation contravenes the principles of the rule of law and of legal certainty, notwithstanding the existence of special reasons potentially justifying it, the Government having cited the obligations on the respondent State with a view to its future accession to the European Union legal order.

188. **By refraining for more than three years for taking the effective measures required to comply with final, enforceable judicial decisions, the national authorities deprived the provisions of Article 6 §1 of the Convention of all useful effect.**'

Illi ghalkemm fil-kaz odjern jirrizulta li d-decizjonijiet jew ahjar digrieti li nghataw mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kienu digrieti *pendente lite* u mhux sentenzi finali fil-kawza **Mercieca -vs-Malta** (App nru: 21974/07) deciza mill-Qorti Ewropeja fl-14 ta' Gunju, 2011 inghad illi:

'33. The Court reiterates that Article 6 in its civil "limb" applies only to proceedings determining civil rights or obligations. It notes that in the recent Micallef judgment (cited above, §§ 79-80), the Grand Chamber held that the exclusion of interim measures from the ambit of Article 6 was no longer justified by the fact that they do not in principle determine civil rights and obligations. The Grand Chamber considered that in circumstances where many Contracting States faced considerable backlogs in their overburdened justice systems, leading to excessively long proceedings, a judge's decision on an injunction would often

be tantamount to a decision on the merits of the claim for a substantial period of time, even permanently in exceptional cases. It followed that, frequently, interim and main proceedings decided the same "civil rights or obligations" and had the same resulting long-lasting or permanent effects.

34. The Grand Chamber, however, considered that not all interim measures determined such rights and obligations and the applicability of Article 6 would depend on whether certain conditions were fulfilled (ibid §83). First, the right at stake in both the main and the injunction proceedings should be "civil" within the autonomous meaning of that notion under Article 6 of the Convention. Second, the nature of the interim measure, its object and purpose as well as its effects on the right in question should be scrutinised. Whenever an interim measure could be considered effectively to determine the civil right or obligation at stake, notwithstanding the length of time it is in force, Article 6 was applicable. However, the Court accepted that in exceptional cases - where, for example, the effectiveness of the measure sought depended upon a rapid decision-making process - it might not be possible immediately to comply with all of the requirements of Article 6 (see Micallef, cited above, §§ 84-86)'.

Illi kif inghad aktar il' fuq l-Onorabbli Qorti tal-Familja fil-kaz bejn il-partijiet odjerni kellha diversi digrieti relatati mad-dritt ta' access tal-missier mal-minuri pero' jirrizulta li l-aktar wiehed kontestat mir-rikorrent u li tista' tghid wassal ghall-proceduri odjerni kien dak tas-6 ta' Dicembru, 2018 fejn il-Qorti tal-Familja ddikjarat li wara li kellmet lil tlieta mill-erba' minuri qieset li kien

fl-interess suprem taghhom li l-access tal-minuri ma' missierhom jigi sospiz b'mod assolut ghal perjodu ta' sitt xhur. Fl-ambitu tal-allegat ksur tal-artikolu 6 suespost din il-Qorti tifhem li f'dak l-istadju l-Onorabbli Qorti tal-Familja setghet ikkonstatat, anki mid-diskursata li kellha mal-minuri (mhux xhieda kif gie rilevat fid-digriet esebit a fol. 361 tal-process), li l-istat mentali tal-minuri tant kien iddeterjora, li l-access kien qed ikun ta' detriment ghalihom u ghalhekk f'dak il-mument ma kienx fl-ahjar interess taghhom li jigi sfurzat fuqhom. Sa dan l-istadju d-digriet jista' jitqies kif deskritt fil-gurisprudenza hawn fuq imsemmija bhala decizjoni li kellha tittiehed ta' malajr fl-ahjar interss tal-minuri u ghalhekk wiehed ma setax joqghod jistenna li jimxi mal-obbligi taht l-artikolu 6 tal-konvenzjoni. Pero' din il-Qorti rat li f'dak id-digriet l-Onorabbli Qorti tal-Familja, ghalkemm verament fi ftit kliem ghaliex id-digriet mhux wisq motivat, marret ben oltre l-mizura b'urgenza u dan ghaliex iddegretat ukoll illi:

1. Id-digriet kellu jkun validu ghal sitt xhur;

2. Li d-digriet kien biss ser jigi rivedut u l-access ripristinat jekk il-minuri jesprimu x-xewqa li jaraw lill-missierhom anki wara l-iskadenza tas-sitt xhur.

Il-Qorti, kif gia accennat aktar l' fuq, rat li b'dan id-digriet partikolari gie kumpensat l-agir deplorevoli tal-omm li kienet qed taghmel minn kollox sabiex taljena lill-minuri minn missierhom. Din il-Qorti gia ddikjarat aktar il' fuq li l-impunita` tal-omm mill-Qorti tal-Familja ghall-agir taghha u cioe' n-nuqqas ta' azzjoni ragjonevoli fic-cirkostanzi, jirrizulta fi ksur tad-dritt tal-Familja skont l-artikolu 8 kif suespost. Apparti hekk izda l-Qorti ma tistax tinjora li l-bqija tad-digriet krea sproporzjon qawwi fil-konfront tad-drittijiet tal-missier li tpogga f'sitwazzjoni fejn ghal sitt xhur

shah ma setax jikkontesta l-ordni tal-Qorti u dan minghajr ma nghata opportunita' ta' smigh qabel ma ttiehdet id-decizjoni, liema ordni sahansitra giet kundizzjonata ghal dak li jghidu l-minuri u mhux ghal dak li tiddeciedi l-Qorti. Apparti hekk, id-digriet tas-6 ta' Dicembru, 2018 jidher li waqqaf kompletament l-andament u s-smigh tar-rikorsi ntavolati precedentement mir-rikorrent li kienu ghadhom pendenti quddiem l-istess Qorti sabiex jigi assenjat il-kura u l-kustodja tal-minuri wara li jsiru r-rapporti tal-assistenti socjali u l-ezamijiet ohra neccessarji.

Jirrizulta fil-fatt li fit-28 ta' Novembru, 2018 l-attur kien ipprezenta rikors (a fol. 355 tal-process) sabiex wara li l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tisma' lil minuri, tisma' wkoll lill-genituri fil-qosor u dan sabiex jigu trattati r-rikorsi precedenti datati 28 ta' Awwissu, 2018 u fit-2 ta' Novembru, 2018. Ir-rikors tat-28 ta' Awwissu, 2018 in sintezi kien jitratta talba sabiex jigi ordnat li l-kura u l-kustodja tigi fdata f'idejn l-attur jew alternattivament tinhareg *care order* salv il-modalitajiet ta' access. Jigi nnutat li din il-Qorti ma sabitx kopja tar-rikors tat-2 ta' Novembru, 2018 u ghalhekk ma tistax tasal ezattament f'xiex kien jikkonsistu ezatt it-talbiet.

Illi permezz ta' digriet tad-29 ta' Novembru, 2018 (a fol. 356 tal-process) il-Qorti cahdet it-talba tal-attur mressqa bir-rikors tat-28 ta' Novembru, 2018 stante li kienet ser tisma' lill-minuri fl-4 ta' Dicembru, 2018 fil-11.15am. Jirrizulta li l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) minghajr ma appuntat ir-rikorsi ghas-smigh u minghajr ma nfurmat lill-partijiet x'intqal fis-sigrieta mill-minuri, ghaddiet sabiex permezz tad-digriet tas-6 ta' Dicembru, 2018 (a fol. 14 *et seq* tal-process) irrevokat '*contrario imperio*' id-digrieti kollha li kienet tat precedentement dwar l-access tal-ulied minuri kollha ghall-missierhom. Kif gia inghad ukoll issospendiet kull tip ta' access tal-minuri ghall-missierhom sakemm ma jkunux l-istess ulied

minuri li jkunu jridu access ma' missierhom u dan tista' tghid **<u>b'mod indefinit</u>** ghaliex l-access gie kkundizzjonat b'dan il-mod.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija ricentement fit-28 ta' Frar, 2020 mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Lotino Borg Ritchel -vs- Edward Borg et** fejn inghad is-segwenti:

> '19. Il-Qorti tifhem li quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ikun hemm ta' sikwit każijiet li fihom ikun hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni urġenti. Pero` f'dan il-każ jidher li ma kien hemm xejn x' iżomm lill-Qorti milli qabel tagħti d-digriet finali dwar ir-rikors tal-11 ta' Lulju, 2017, tagħmel dak li jingħad hawn fuq u tagħti spjegazzjoni għalfejn ir-rapport m'għandux ikun aċċessibbli għall-partijiet. Dan apparti kien ikun ukoll ferm iktar floku li l-Qorti tisma' lill-missier sabiex ikollu l-opportunita` jagħti spjegazzjoni dwar dak li kien ġie allegat fil-konfront tiegħu. Dan iktar u iktar meta tqis li d-digriet wassal sabiex l-aċċess jitnaqqas konsiderevolment.
>
> ...
>
> 25. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan hu każ klassiku ta' digriet mingħajr motivazzjoni adegwata. Fid-digriet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ċivili) ma qalitx x'kienet ir-raġuni għalfejn naqqset l-aċċess b'dak il-mod. Hu essenzjali li digriet ta' dik ix-xorta, irrispettivament mill-fatt li bih il-kwistjoni dwar laċċess ma ġietx determinata b'mod defenittiv, ikollu motivazzjoni ċara. Il-partijiet f'proċeduri għandhom dritt li jkunu infurmati bir-raġunijiet li jkunu wasslu lill-Qorti sabiex tiddeċiedi. Hekk biss issir ġustizzja li tidher.'

Illi lura ghall-kaz odjern jirrizulta lil din il-Qorti li l-uniku raguni li

tat il-Qorti ghar-revoka tal-access kien ghaliex tkellmet mal-minuri u hekk sostniet li qed tiddeciedi fl-interess suprem tal-minuri. Illi f'kawza ta' separazzjoni tant missielta bejn il-partijiet fejn milli tista' tara din il-Qorti l-punt principali in kontestazzjoni bejniethom hu l-access ghall-minuri, l-Qorti tal-Familja ghazlet li taghti digriet fejn irrevokat l-access b'motivazzjoni qasira hafna, digriet b'effett ta' mill-anqas perjodu ta' sitt xhur jekk mhux ben oltre u dan minghajr ma qabel almenu ffissat seduta biex tisma' l-partijiet. Mhux hekk biss izda kif gia accennat tat validita' lid-digriet ta' sitt xhur u kkundizzjonat il-possibilita' li terga taghti l-access biss favur il-missier fuq jekk il-minuri jkunu jridu jaraw lill-missierhom jew le. F'dan kollu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent missierhom fosthom dak ghal smigh xieraq ntesew.

Il-Qorti rat li l-intimati odjerni jistghu jargumentaw li l-partijiet gew trattati l-istess stante li anki l-omm ma nghatatx se mai l-opportunita' li taghmel is-sottomissjonijiet taghha. Il-Qorti izda tqis li f'sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Familja bid-digriet taghha kienet ser tnehhi b'mod assolut l-access tal-missier fil-konfront ta' uliedu, allura f'dik ic-cirkustanza kien il-missier li kellu l-interess principali li jkun jaf x'kienu l-hsibijiet tal-Qorti u jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu qabel ma tittiehed decizjoni u mhux l-omm. L-omm anzi mill-atti rrizulta li kellha kull interess li ma thallix lil uliedha jaraw lill-missierhom u ghalhekk da parti taghha zgur li ma kellha l-ebda interess li tikkontesta digriet li ffavoriha mill-bidu sal-ahhar.

Illi l-Qorti tqis li filwaqt li l-Onorabbli Qorti tal-Familja kellha kull dritt u poter fil-ligi li tiehu decizjoni provvizorja u b'urgenza li twaqqaf l-access fl-ahjar interess tal-minuri wara li kellmet l-istess minuri, tqis izda li l-fatt li tat effett ta' sitt xhur u aktar lil dak id-digriet, minghajr ma gew segwiti d-dettami tad-dritt ghal smigh

xieraq jekwivali ghal ksur evidenti u lampanti ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent. Huwa ghalhekk f'dan il-kuntest li l-Qorti tqis li bil-mod kif tmexxew il-proceduri mill-Onorabbli Qorti tal-Familja id-drittijiet tar-rikorrent ghal smigh xieraq gew lezi. Tant id-drittijiet tar-rikorrent gew lezi li konsegwenza ta' dak id-digriet u d-dewmien ulterjuri fil-kawza llum il-gurnata l-missier sab ruhu f'sitwazzjoni li ilu ma jara lil uliedu b'mod adegwat ghal xhur u snin u llum stante l-qtugh assolut tal-access l-esperti qed jirrakomandaw li l-minuri jaraw biss lill-missierhom wara terapija adegwata.

Illi s-sitwazzjoni familjari tal-lum bejn il-missier u l-ulied kif tirrizulta mill-atti tevidenzja li l-esperti u l-assistenti socjali kellhom ragun jissottomettu b'urgenza lill-Onorabbli Qorti tal-Familja li l-aljenazzjoni kompleta tal-minuri mill-missier permezz tad-digriet tas-6 ta' Dicembru, 2018, mat-trapass taz-zmien, ghamlet ferm aktar deni lilhom mill-gid u r-rikorrent tpogga f'din is-sitwazzjoni ntortament.

Illi dwar il-fatt li l-Qorti tkellmet mal-minuri wahedha minghajr il-presenza tal-partijiet, din il-Qorti taqbel mal-ecezzjoni tal-Avukat Generali ntimat u ma tqisx li dak il-fatt *per se* lleda d-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq stante li din hija prassi ferm uzata mill-Qrati tal-Familja anki sabiex il-Qorti tifhem il-bzonnijiet u x-xewqat tal-minuri minghajr l-influwenza tal-genituri partikolarment f'sitwazzjonijiet urgenti. Pero', l-fatt li konsegwentement ghas-smigh tal-Qorti tal-minuri, r-rikorrent ma nghatax l-opportunita' li huwa wkoll jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu quddiem il-Qorti qabel ma tittiehed decizjoni tant drastika li jigi mwaqqaf kompletament l-access ghal perjodu twil ta' zmien u kkundizzjonat biss fuq dak li jridu l-minuri, din il-Qorti tqis li kien f'dan l-istadju li gie lez id-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent.

Kif gia inghad xejn ma kien iwaqqaf lill-Onorabbli Qorti tal-Familja li taghti digriet urgenti b'effett provisorju u xorta wahda taghti l-opportunita' li l-partijiet jinstemghu qabel ma tittiehed decizjoni aktar fit-tul.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti tqis li hemm ukoll il-lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u cioe' d-dritt ghal smigh xieraq.

**<u>Rimedju:</u>**

Illi fit-talbiet tieghu r-rikorrent jitlob diversi rimedji ghall-ksur tad-drittijiet tieghu kif imsemmi. Fl-ewwel lok jitlob li l-Qorti taghti mizura *ad interim*. Din fil-fatt inghatat fil-mori minn din il-Qorti diversament preseduta. Ghandu jinghad izda li din il-mizura ma tantx kellha success stante li anki fl-ambitu tal-kaz odjern rrizulta li l-intimata xejn ma kko-operat sabiex l-access ordnat almenu mal-minuri z-zghir minn erba' ikun success. Fil-fatt jirrizulta mill-atti kif gia inghad li sa mid-digriet tas-6 ta' Dicembru, 2018 u anki ferm qabel tista tghid ma kien hemm ebda access mill-missier favur uliedu u tenut kont li llum il-gurnata ninsabu fix-xahar ta' Novembru 2020, dan ifisser li l-minuri issa ilhom mill-anqas sentejn ma jaraw lill-missierhom bl-effett psikologiku li dan in-nuqqas zgur kellu fuqhom anki kif ikkonfermat mill-esperti fir-rapporti taghhom esebiti fl-atti.

Illi permezz tat-tielet talba tieghu r-rikorrent qed jitlob li l-Qorti tirrevoka, tannulla u thassar id-Digriet tal-Qorti tal-Familja tas-6 ta' Dicembru, 2018 fejn kif inghad gie revokat kull tip ta' access bejn ir-rikorrent u uliedu. Kieku f'dan l-istadju din il-Qorti kellha tilqa' din it-talba dan ifisser li jergghu jigu *in vigore* d-digrieti ta'

access favur il-missier li kienu vigenti sa dik il-gurnata. Din il-Qorti rat mir-rapporti tal-esperti li in vista tat-trapass taz-zmien u allura l-kundizzjoni mentali tal-ulied li gew kompletament aljenati minn missierhom, huwa evidenti li llum il-gurnata illi li jigi sfurzat l-access fuq il-minuri minghajr ebda mizura ohra ma jkunx ta' gid ghalihom anzi jista biss jaghmillhom deni. Fil-fatt mir-rapporti tal-esperti esebiti jirrizulta li sabiex jigi ripristinat l-access u tigi kunsidrata l-possibilita' li l-minuri jergghu jibdew jaraw lill-missierhom u anki possibilment iqattaw jiem fil-kura tieghu dan ikun jista jsir biss wara li l-minuri jinghataw l-ghajnuna psikologika neccessarja sabiex jkunu preparati ghal dan u wkoll wara li l-genituri stess jattendu ghal sessjonijiet ta' terapija.

Ikkunsidrat ulterjoment illi ghalkemm mill-atti jirrizulta li pendenti l-kawza odjerna l-Onorabbli Qorti tal-Familja pruvat taghti digrieti f'dan is-sens, rrizulta li t-terapija tal-minuri u tal-omm ma bdietx issir ghaliex l-omm ghal darb' ohra b'komportament ta' nuqqas ta' ko-operazzjoni assoluta ddecidiet hi b'mod arbitrarju li la l-minuri mhux jaraw il-missierhom allura ma hemmx bzonn li la hi u lanqas il-minuri jattendu t-terapija. Dan il-komportament, li jidher li baqa' mhux sanzjonat mill-Qorti tal-Familja, f'dan l-istadju, ser jirrizulta f'dewmien ulterjuri sabiex il-minuri jergghu jaraw lill-missierhom. Id-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja li tissospendi t-terapija tal-minuri sabiex jigu preparati ghall-access ma' missierhom ghar-raguni li nghata rimedju interim pendenti l-kawza odjerna wkoll xejn ma ghen sabiex is-sitwazzjoni tizblokka. Ghalhekk il-Qorti tqis li f'dan l-istadju u fl-ahjar interess tal-minuri r-rimedju li ghandu jinghata lill-missier huwa dak li effettivament kien gia nbeda quddiem il-Qorti tal-Familja izda twaqqaf u ghalhekk din il-Qorti ser tordna bhala parti mid-decizjoni  odjerna kif isegwi:

1. Il-ġenituri jigu obbligati permezz ta′ ordni tal-Onorabbli Qorti tal-Familja fl-ambitu tal-kawza ta′ separazzjoni li jattendu ghal sessjonijiet ta′ terapija kif irrakomandaw l-esperti. In-nuqqas ta′ ottemperanza ma′ din l-ordni ghandha ggorr sanzjoni effettiva kontra l-parti li ma tattendix;

2. Ghandhom jinbdew fuq ordni tal-Onorabbli Qorti tal-Familja fl-ambitu tal-kawza ta′ separazzjoni u b′mod immedjat sessjonijiet ta′ terapija mal-minuri bl-ghan principali tkun li jerga jigi ripristinat xi tip ta′ access bejnhom u l-missier u dan fl-iqsar zmien possibbli izda mhux aktar minn sitt xhur sabiex is-sitwazzjoni ma tkomplix taggrava. In-nuqqas ta′ ko-operazzjoni mill-partijiet dwar dan ghandu wkoll igorr sanzjoni effettiva fil-konfront tal-parti li ma tottemperax ruhha mal-ordni tal-Qorti;

3. Il-procedura suesposta ghandha tigi supervizjonata mill-Agenzija Appogg li ghandha taghmel minn kollox fil-poteri taghha u b′direzzjoni minghand l-Onorabbli Qorti tal-Familja u t-terapisti fl-ambitu tal-kawza ta′ separazzjoni personali sabiex tassigura li r-ripristinar tal-access bejn il-minuri u l-missier isir fl-aqsar zmien possibbli u zgur mhux aktar minn sitt xhur, minghajr ma thalli li xi hadd mill-partijiet jostakolha fix-xoghol taghha partikolarment il-kjamata fil-kawza odjerna Graziella Sammut omm il-minuri.

Dak suespost ghandu jinghata priorita′ assoluta fil-kawza ta′ separazzjoni personali bejn il-partijiet fuq kull kwistjoni ohra pendenti bejniethom u fi kwalunkwe kaz l-access ghandu jigi ripristinat fi zmien massimu ta′ sitt xhur mid-data ta′ din id-decizjoni. L-esperti nkarigati ghandhom jigu nfurmati b′dan it-terminu sabiex it-terapija li hemm bzonn issir fiz-zmien u fil-

frekwenza opportuna u neccessarja biex il-mira tas-sitt xhur tintlahaq. Ebda mill-partijiet ma ghandhom jithallew jabbuzaw mis-sistema biex b'xi mod titwal il-procedura. Fin-nuqqas l-Onorabbli Qorti tal-Familja ghandha f'idejha wkoll l-ghodda tal-proceduri ta' disprezz fil-konfront tal-awtorita' taghha kontra l-parti li ma tkunx qed tikkollabora u tobdi l-ordnijiet taghha.

Illi r-rikorrent jitlob ukoll li jigi stabbilit kumpens ghall-ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq. Ghalkemm din il-Qorti tinsab certa li l-ghan principali tar-rikorrent permezz tar-rikors odjern ma kienx li huwa jithallas kumpens izda li huwa jkun jista' jara lill-uliedu kemm jista' jkun malajr, jirrizulta li konsegwenza tan-nuqqasijiet tas-sistema kif imsemmi, r-rikorrent spicca f'sitwazzjoni li huwa tilef hafna hin prezzjuz ta' access ma' uliedu. Dan il-hin miltuf qatt ma jista' jerga jintradd lura lir-rikorrent mis-sistema ghaliex iz-zmien ma jitreggax lura u l-ulied qed jikbru. Il-Qorti tqis ghalhekk li f'dawn ic-cirkustanzi li kumpens gust *arbitrio boni viri* ghandu jkun dak ta' hamest elef Euro (€5,000). Dan l-ammont ghandu jithallas lir-rikorrenti mill-Avukat Generali llum Avukat tal-Istat stante li din il-Qorti ma tistax taghmel mod iehor. Il-Qorti pero' tqis li l-kjamata fil-kawza kellha u ghandha responsabbilta' kbira f'dak li sehh rizultat tan-nuqqas ta' ko-operazzjoni taghha u nuqqas ta' adezjoni mal-ordnijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja u ghalhekk ghandha tkun hi li taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha f'dawn il-proceduri.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Avukat Generali llum Avukat tal-Istat intimat u tal-kjamata fil-kawza sakemm dawn huma nkompatibbli

ma' dak hawn fuq deciz tghaddi sabiex tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante li f'dan l-istadju hija sorvolata;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li d-dritt fundamentali tar-rikorrent Ivan Sammut ghar-rispett lejn il-hajja familjari hekk kif protetta mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Harsien tad-Drittijiet tal-Bniedem gie miksur hekk kif deciz aktar il-fuq mhux l-inqas minhabba l-aljenazzjoni totali tat-tfal minn missierhom konsegwenza tad-decizjonijiet u nuqqas ta' azzjoni tal-Qorti;

(3) Ghar-ragunijiet suesposti fid-decizjoni taht it-titolu 'Rimedju' tichad it-tielet talba;

(4) Tilqa' r-raba' u t-tmien talba u taghti l-provvedimenti, ordnijiet u direttivi elenkati taht it-titolu 'Rimedju' suespost f'din id-decizjoni bl-ghan ahhari li jigi ripristinat access regolari bejn ir-rikorrent Ivan Sammut u wliedu kollha minuri fi zmien massimu ta' sitt xhur mid-data ta' din id-decizjoni;

(5) Tilqa' il-hames talba u tiddikjara li d-dritt fundamentali tar-rikorrent Ivan Sammut ghal smigh xieraq gie miksur hekk kif deciz aktar il' fuq;

(6) Tilqa' s-sitt talba u tillikwida kumpens ta' hamest elef Ewro (€5,000) li ghandhom jithallsu mill-intimat Avukat Generali llum Avukat tal-Istat lir-rikorrent Ivan Sammut in linea ta'

kumpens ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal-smigh xieraq hekk stabbilit;

(7) Tilqa' s-seba' talba u tikkundana lill-intimat Avukat Generali llum Avukat tal-Istat ihallas lir-rikorrent il-kumpens hekk stabbilit;

Bl-ispejjez tar-rikorrenti ghandhom jigu sopportati mill-intimat Avukat Generali llum Avukat tal-Istat. Il-kjamata fil-kawza tbati l-ispejjez taghha.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Novembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru, 2020**